Vol 45
Nru 223
Jannar - Marzu 2024

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2024



comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*Fejn Pawlu ippriedka f'Ateni*


# Werrej



6



16



27



31


6 Filippi, Tessalonika u Ateni

16 L-Apokalissi (2)

27 Ir-Rgħajja Skont il-Profeta Eżekjel

31 Ġrajjiet il-Ħajja Fil-Ġudajiżmu

41 L-Ispirazzjoni tal-Bibbja




41

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## TAMA TA' ŻMINIJIET AĦJAR

Ilna kważi sitt xhur naraw xeni ta' qerda u tbatija fl-iStrixxa ta' Gaża, fejn miljun u tmien mitt elf persuna sfaw sfollati bla dar, u rifuġjati fil-belt ta' Rafah, qishom magħluqin ġo biċċa art li minnha ma jafux fejn se jmorru. Xeni ta' tfal u nisa taħt it-tined, ifittxu loqma ħobż biex jitrejqu. Xeni ta' rġiel iddisprati li jisirqu kull ma jsibu mit-trakkijiet li jdaħħlu provvisti, għax ma jafux kif se jgħajxu lill-familji tagħhom. Xeni ta' feruti deħlin l-isptarijiet li fihom ma hemmx mediċini jew anestesija, bit-tobba ma jafux kif se jdewwuhom, bl-elettriku li jinqata' l-ħin kollu, u bil-bumbardamenti madwarhom.

Dawn ix-xeni forsi nessewna wkoll ix-xena tat-terrur tas-7 ta' Ottubru 2023 meta milizjanti tal-Ħamas għamlu massakru minn diversi Israeljani ċivili u ġarrew 253 ostaġġi li diversi minnhom għadhom ma nħelsux sakemm qed niktbu dan l-editorjal. Xeni ta' vjolenza li ġġenerat vjolenza fuq skala li ħassbet lill-komunità internazzjonali. Mibegħda li nisslet mibegħda u li se twelled imwieġ futuri ta' terroriżmu, jekk mhux bl-armi, imma fl-imħuħ u l-qlub ta' miljuni.

Assistejna għall-prepotenza tal-estremiżmu li jwassal għal atti ta' terrur, u għall-prepotenza ta' gvern li hu magħmul prevalentement minn elementi nazzjonalisti perikolużi. Assistejna għan-nuqqas ta' kapaċità, jew ukoll ta' rieda, mill-komunità internazzjonali



*Kardinal Pierbattista Pizzaballa*

li timponi waqfien mill-ġlied, minħabba l-interessi politiċi u ekonomiċi ta' pajjiżi li, kieku jridu, jistgħu jġibu differenza, imma li jippreferu jilagħbuha ta' spettaturi passivi jew jagħtu immaġini mhix vera tal-veri intenzjonijiet tagħhom taħt l-umbrella tad-diplomazija.

Quddiem din is-sitwazzjoni traġika qed ninsew gwerer simili li ilhom jħammru pajjiżi bid-demm ta' nies innoċenti minħabba l-intransiġenza tal-qawwiet militari u tad-dittaturi ġodda li jinħbew wara d-daħna ta' demokrazija apparenti li fiha jibqgħu jiġu eletti darba wara l-oħra bil-qerq ta' min isikket kull oppożizzjoni.

Il-messaġġ evanġeliku tal-paċi donnu tilef kull qawwa. Ngħixu f'dinja li fiha l-ilħna tal-profeti huma msikkta, fejn il-Papa jitkellem dwar paċi u ġustizzja biex kliemu jintesa mill-ewwel, fejn donnu l-unika liġi li għadha teżisti hi l-liġi tal-forza li timponi d-dritt bis-sewwa jew bid-dnewwa.

It-tentazzjoni tagħna quddiem din il-qagħda traġika hi dik li nitilfu t-tama. Nitilfu t-tama li xi darba jkun hemm il-paċi fl-Art Imqaddsa u f'pajjiżi oħrajn. Nippreferu nistennew u naraw x'se jiġri, inżommu ruħna bogħod mill-inkwiet fis-sigurtà li mingħalina nistgħu nsibu f'pajjiżna u fil-kultura tagħna, li twegħedna ġid ekonomiku u progress li nakkwistawh akkost li nissagrifikaw il-valuri tal-onestà, tat-trasparenza, u ta' moralità li tinbena fuq prinċipji.

Diversi drabi f'dawn l-aħħar xhur, il-Kardinal Pierbattista Pizzaballa, Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini, tkellem fil-qalb Franġiskana tiegħu favur it-tama. Hu insista li mhux biżżejjed li nieqfu nibku u nilmintaw is-sitwazzjoni mwiegħra fl-Art Imqaddsa. "Jeħtieġ naħsbu dwar dak li nistgħu nagħmlu, għalkemm nafu li mhux se jkun hemm soluzzjonijiet immedjati. Hu importanti li nsibu kanali ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ partijiet tal-konflitt." Vuċi kuraġġuża imma pjuttost solitarja. Il-Kardinal Pizzaballa jaf li l-insara fl-Art Imqaddsa huma minoranza insinifikanti, li titgħaffeġ u tinħonoq quddiem l-għajjat għall-armi tal-estremisti taż-żewġ naħat. Hu jaf li l-povri Kristjani ta' Gaża, assedjati fil-"Christian compound" tal-parroċċa tal-Familja Mqaddsa f'Gaża City, imdawrin minn blokok ta' bini mwaqqa', krateri ta' bombi u terrapien, li tnejn minnhom sfaw maqtula sempliċement għax ħarġu mill-knisja biex imorru fil-kunvent tas-Sorijiet Missjunarji tal-Karità ftit passi bogħod, huma kollha vuċijiet imsikkta. Tkellmu fuqhom il-kbarat tad-dinja, tħassruhom, u waqfu hemm. Ma tawhom l-ebda tama. U quddiem din il-mibegħda kollha l-Kardinal Pizzaballa jitkellem mit-tama, tama ta' futur li fih min kapaċi jiddjaloga se jirbaħ lil min jimxi bit-terrur jew bl-armi qerrieda tal-gwerra ffinanzjati minn pajjiżi li jibnu l-ekonomija ħielsa tagħhom fuq



*Papa Franġisku*

kompetizzjoni "ġusta", li fiha hemm libertà li wieħed jipproduċi armi u sostanzi li jeqirdu l-ħajja.

Hemm bżonn urġenti li aħna nqumu min-nagħas tal-apatija u nitkellmu favur it-tama. Favur dawk il-bnedmin li, quddiem it-tbatija u l-inġustizzja ma jċedux. Li nieħdu inizjattivi li bihom nuru li aħna rridu nippremjaw lil min ibati għax hu onest, u mhux lil min jirrenja għax hu korrott. Xi jfisser dan konkretament fil-każ tal-Art Imqaddsa? Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, P. Francesco Patton OFM tkellem spiss dwar il-bżonn li ma nabbandunawx lill-insara tal-Art Imqaddsa. Saħansitra stieden lil min hu kuraġġuż biex juri sinjal ta' solidarjetà billi jmur pellegrin fl-Art Imqaddsa, anke f'dan il-mument diffiċli. Xi wħud diġà wieġbu u bdejna naraw ftit pellegrini jirritornaw, jisfidaw kull kuntrarjetà, biex juru li aħna l-Insara aħna bnedmin ta' tama u li rridu nwasslu messaġġ ta' tama u paċi.

Mhux veru li fl-Art Imqaddsa mhemmx bnedmin ta' rieda tajba li jridu l-paċi. Mhux veru li mhux possibbli jinħoloq djalogu. Imma huma għandhom bżonn palata minn għandna. Iridu l-appoġġ ta' min għandu l-kuraġġ jittama u jaħdem biex il-persuni jibqgħu jitkellmu, anke jekk ferew lil xulxin. Il-Kristjan ma jistax ikun passiv. Hu faċli tmur l-Art Imqaddsa bl-interess li titlob u żżur il-Postijiet Imqaddsa. Imma hu diffiċli tikkonvinċi lilek innifsek li dawn il-Postijiet niżel fuqhom id-demm innoċenti ta' Ġesù Kristu li bata inġustizzja u moħqrija biex jagħti tama lilek u lili. Ejjew inkomplu nittamaw u naħdmu għal żminijiet aħjar fl-Art Imqaddsa. Fejn fallew il-politiċi, fejn falliet id-diplomazija, jista' jasal l-Evanġelju... jekk tassew nafuh u ngħixuh.



*It-Torri ta' Tessalonika*

# FILIPPI, TESSALONIKA U ATENI

***Noel Muscat ofm***

## *San Pawl fil-Greċja*

Il-Greċja hi pajjiż turistiku li timmarka l-benniena tal-kultura Ewropea fl-era klassika. Imma l-Greċja mhijiex biss magħrufa għall-monumenti tal-era klassika u għall-mitoloġija u l-opri tal-filosfi kbar bħal Aristotile, Platone, Socrates u oħrajn. Lanqas ma hi famuża biss għall-ġmiel naturali tal-muntanji u tal-kosta tagħha, u tan-numru kbir ta' mill-inqas 1200 gżejjer abitati (madwar 6000 jekk wieħed jgħoddhom kollha) imxerrdin fil-Baħar Eġew, fil-Baħar Jonju, u fil-Mediterran. Il-Greċja hi art biblika, għax tissemma' diversi drabi fl-Iskrittura, u speċjalment fl-Atti tal-Appostli. Kien San Pawl li evanġelizza r-reġjuni tal-Maċedonja u l-Akaja fit-tieni u t-tielet vjaġġi missjunarji tiegħu, u li waqqaf diversi komunitajiet ekkleżjali, li jinkludu l-Knejjes ta' Filippi, Tessalonika, Ateni, Korintu, fost l-aktar importanti, imma wkoll diversi oħrajn, fosthom komunitajiet fil-gżira ta' Kreta u f'Ċipru (li kienet taħt l-influss tal-kultura Griega fl-1 seklu). Waqaf ukoll fil-gżejjer ta' Samos, Kos u Rodi fi triqtu lura lejn il-Palestina. Fuq kollox, il-Greċja timmarka wieħed mill-aktar reġjuni importanti għall-iżvilupp tal-monakeżimu Orjentali fl-ewwel sekli tal-era Kristjana. Għal dawn ir-raġunijiet sejrin niddedikaw din is-sena għal xi artikli dwar il-knejjes apostoliċi u l-postijiet fil-Greċja li huma marbutin mal-Iskrittura jew mat-tradizzjoni monastika tal-Orjent. Sejrin insemmu biss xi postijiet importanti u nibdew bil-bliet li evanġelizza Pawlu fit-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu.

## San Pawl imsejjaħ biex jevanġelizza l-Maċedonja

Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jirrakkonta dwar il-vjaġġi missjunarji ta' Pawlu. Normalment nitkellmu dwar tliet vjaġġi li għamel l-appostlu tal-ġnus. L-ewwel vjaġġ insibuh rrakkontat fil-kapitli 14 u 15 tal-Atti. Wara l-Barnaba mar ifittex lil Pawlu li kien jinsab fil-belt tiegħu ta' Tarsu fiċ-Ċiliċja u ħadu miegħu Antjokja, hemmhekk huma evanġelizzaw lill-pagani u twieldet komunità Kristjana fjorenti. Darba, waqt li l-profeti u għalliema kienu jitolbu, l-Ispirtu s-Santu talabhom biex jaħtru lil Barnaba u Pawlu biex imorru jevanġelizzaw. Huma marru fil-port ta' Selewċja u salpaw lejn il-gżira ta' Ċipru, li evanġelizzawha kollha, minn Salamis sa Pafos. Imbagħad komplew triqthom bil-baħar lejn il-penisola tal-Anatolja (Turkija). Niżlu f'Perġe fil-Panfilja u mbagħad evanġelizzaw il-bliet tal-intern tal-altipjan Anatoliku, jiġifieri Antjokja tal-Pisidja, Ikonju, Listra u Derbe. Barnaba u Pawlu kienu l-ewwel jevanġelizzaw lil-Lhud fis-sinagogi, imma dawn bosta drabi kienu jippersegwitawhom, u għaldaqstant bdew jippriedkaw lill-pagani b'suċċess. L-ewwel vjaġġ rahom jirritornaw lejn Antjokja, u mbagħad fil-kapitlu 15 jitilgħu Ġerusalemm biex jispjegaw il-ħidma tagħhom favur il-pagani lill-assemblea tal-Knisja ta' Ġerusalemm, immexxija minn Ġakbu u Kefas (Pietru). Sa dan il-mument il-protagonista kien pjuttost Barnaba, imma Pawlu malajr beda jieħu r-riedni f'idejh, malli mbagħad iddeċieda li jmur għat-tieni vjaġġ missjunarju ma' Sila, wara li kisirha ma' Barnaba minħabba Ġwanni Marku, il-kuġin ta' Barnaba, li kien abbanduna l-missjoni fl-ewwel vjaġġ.

Kien qrib is-sena 49 jew 50 meta Pawlu u Sila telqu lejn Derbe u Listra, fejn kien hemm diġà komunitajiet Kristjani. F'Listra Pawlu għażel lil Timotju bħala kollaboratur tiegħu. Timotju kellu jkun wieħed mill-aktar dixxipli fidili lejn Pawlu. L-Atti jirrakkontawlna kif żviluppa dan il-vjaġġ. Pawlu kellu l-intenzjoni li jkompli jevanġelizza l-Anatolja, imma l-Ispirtu s-Santu kellu proġetti oħrajn. Nisimgħu r-rakkont mill-pinna ta' Luqa:

"Qasmu mbagħad il-Friġja u l-art tal-Galazja, għax l-Ispirtu s-Santu ma

ħallihomx ixandru l-kelma fl-Asja. Kif waslu fl-inħawi tal-Misja, ippruvaw jidħlu f'Bitinja, imma l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħallihomx. Għalhekk għaddew minn Misja u niżlu Troas. Bil-lejl Pawlu kellu viżjoni; ra raġel mill-Maċedonja, wieqaf, jitolbu hekk: 'Ejja l-Maċedonja u għinna.' Malli ra din il-viżjoni, malajr fittixna nitilqu lejn il-Maċedonja, għax fhimna tajjeb li Alla kien sejħilna biex immorru nxandrulhom l-Evanġelju" (Atti 16,6-10).

Din kienet l-ewwel okkażjoni li fiha Pawlu kellu jxandar l-Evanġelju fl-Ewropa. Il-Greċja kif nafuha llum kienet tinkludi żewġ provinċji kbar, jiġifieri l-Maċedonja fit-tramuntana u l-Akaja fin-nofsinhar, fil-penisola tal-Peloponnesos. Kien f'dawn ir-reġjuni li l-appostlu tal-ġnus kellu jikkonċentra l-missjoni tiegħu waqt it-tieni vjaġġ.

Pawlu u sħabu salpaw minn Troas fuq il-kosta Anatolika u qasmu l-Baħar Eġew. Għaddew maġenb il-gżira ta' Samotraki u waslu fil-port ta' Neapolis. Il-belt ta' Neapolis fit-Traċja illum tissejjaħ Kavala. Kienet port li fih kienet tgħaddi t-triq Rumana msejħa Via Egnazia, li minn Dyrrachium (Dürres fl-Albanija) kienet taqsam il-penisola Balkanika lejn il-Baħar Eġew. Illum Kavala hi belt li tinsab fuq promontorju bil-port taħtha u fiha diversi fdalijiet antiki, fosthom l-akwedott monumentali li jmur lura għall-epoka Rumana u li nbena kif inhu llum minn Suleiman.

Mis-sezzjoni Atti 16,10 niltaqgħu għall-ewwel darba mal-użu tal-ewwel persuna plural "aħna": "malajr fittixna nitilqu lejn il-Maċedonja." Dan kollu jindika li anke Luqa, l-awtur tal-Atti tal-Appostli, kien preżenti mal-Appostlu Pawlu fit-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu.

Minn Neapolis Pawlu mar mill-ewwel fil-belt ta' Filippi. Il-belt kienet issemmiet għal Filippu II tal-Maċedonja, li kien rebaħha fis-sena 356 q.K. L-Atti jsejħulha "il-belt ewlenijia tal-provinċja tal-Maċedonja u kolonja Rumana" (Atti 16,12). Kien f'din il-belt importanti li Pawlu waqqaf l-ewwel komunità Kristjana fl-Ewropa.

## Pawlu fil-belt ta' Filippi

L-Atti jirrakkontaw kif Pawlu u sħabu Sila, Timotju u Luqa, wara ftit jiem li kienu ilhom f'Filippi, ħarġu f'jum is-Sibt, u billi fil-belt ma kienx hemm sinagoga, erħewlha lejn ix-xmara, fejn xi Lhud nisa kienu miġburin għat-talb. Illum il-ġurnata l-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Filippi jinsabu qrib il-belt ta' Krinides. Għadhom jidhru l-fdalijiet tal-akropoli tas-seklu 4 q.K., anfiteatru Grieg u Ruman, il-Forum u t-tifkira Kristjana tal-post li fih Pawlu u Sila ġew maqfulin fil-ħabs sakemm bil-lejl sar terremot qawwi li kien il-kawża tal-liberazzjoni tagħhom u tal-konverżjoni tal-għassies tal-ħabs u tal-familja tiegħu.

Imma qabel ma nirrakkontaw din il-ġrajja tajjeb ngħidu li, meta Pawlu mar qrib ix-xmara, hu sar jaf lil waħda mara jisimha Lydia, li kienet minn Tjatira: "Meta wasal is-Sibt, ħriġna barra l-bieb tal-belt, lejn xatt ix-xmara, fejn dehrilna li kien hemm dar tat-talb. Qgħadna bilqiegħda, u bdejna nkellmu lin-nisa li kien hemm miġbura flimkien. Waħda minnhom kien jisimha Lydia, mara minn Tjatira, neguzjanta tal-porpra u kienet tqim lil Alla. Hija qagħdet tismagħna, u l-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien jgħid Pawlu. Wara li tgħammdet, hi u l-familja tagħha, talbitna u qaltilna: 'Jekk jidhrilkom li jiena nemmen fil-Mulej, ejjew oqogħdu d-dar tiegħi.' U ġagħlitna noqogħdu għandha (Atti 16,13-15).

Fl-istess żona arkeoloġika ta' Filippi hemm fdalijiet ta' bażilika tar-4 seklu, imma speċjalment knisja żgħira li tfakkar il-magħmudija ta' Santa Lydia, l-ewwel mara Kristjana tal-Ewropa. Il-ħabs li fih kienu maqfulin Pawlu u Sila wara r-rewwixta li qamet kontrihom minn naħa tal-Lhud hu wkoll post

Kristjan fl-istess fdalijiet arkeoloġiċi. Ir-rakkont jinsab f'Atti 16,16-40. Pawlu kellu jibqa' grat lejn il-komunità Kristjana ta' Filippi, hekk li kiteb Ittra lill-Filippin u jsemmi fiha li hu kien laqa' d-doni li kienu bagħtulu meta kien il-ħabs f'Ruma. Nistgħu ngħidu li Filippi kienet l-ewwel belt Kristjana fl-Ewropa.

Lill-Kristjani ta' Filippi Pawlu kitbilhom Ittra li waslet għandna, l-Ittra lill-Filippin. Meta naqraw din l-Ittra jidher li Pawlu kitibha meta kien jinsab il-ħabs. Għaldaqstant din hi waħda mill-Ittri msejħin "tal-priġunija". Ma tirreferix għall-episodju li seħħ proprju fil-belt ta' Filippi, fejn Pawlu u Sila ġew maqfulin il-ħabs għal lejl wieħed, u li semmejniha aktar 'il fuq. Mill-Atti nafu li Pawlu kien il-ħabs f'Ċesarija Marittima u mbagħad f'Ruma. Billi fl-Ittra hu jitkellem mill-"pretorju" u mid-"dar ta' Ċesari", diversi jaħsbu li din inkitbet waqt il-priġunija Rumana. Imma, fil-fatt, l-Atti jsemmu biss l-ewwel priġunija Rumana, filwaqt li nafu li Pawlu kien reġa' spiċċa priġunier għat-tieni darba meta sofra l-martirju. Illum l-istudjużi huma x'aktarx tal-fehma li l-Ittra lill-Filippin inkitbet f'Efesu, waqt it-tielet vjaġġ missjunarju ta' Pawlu. Hemmhekk Pawlu dam sentejn sħaħ, u jikteb lill-Korintin li hemmhekk




kellu jħabbat wiċċu ma' persekuzzjoni qalila, u saħansitra mal-periklu tal-mewt (1Kor 15,32; 2Kor 1,8).

L-Ittra titkellem minn diversi spostamenti lejn Filippi. Il-Filippin bagħtu lil Epafroditu, wieħed mill-kollaboraturi ta' Pawlu, u miegħu bagħtu offerti ġenerużi li l-Appostlu japprezza ħafna. Pawlu jerġa' jibagħtu lura lejn Filippi u warajh jibgħat lil Timotju, u dan imur lura lejn l-Appostlu bl-aħbarijiet dwar dik il-komunità. Jidher li kien hemm komunikazzjoni kontinwa. Hu x'inhu, il-komunità ta' Filippi baqgħet waħda mill-aktar għeżież għal Pawlu, għax minnha saħansitra aċċetta doni, ħaġa li ma kienx soltu jagħmilha. Hekk jiktbilhom lill-Filippin:

"Intom tafu wkoll, Filippin, li fil-bidu tax-xandir tal-Evanġelju, meta ħallejt il-Maċedonja, ebda knisja oħra ħliefkom ma ssieħbet miegħi fil-qligħ u t-telf; għax imqar meta kont fit-Tessalonika, għal darba tnejn bgħattu tgħinuni meta kont neħtieġ. Mhux għax jien infittex l-għotjiet, iżda nfittex li l-frott joktor għall-ġid tagħkom. Għandi kull ma neħtieġ u iktar. Mtlejt b'kull ma wasalli mingħandkom permezz ta' Epafroditu bħala offerta tfuħ u sagrifiċċju milqugħ u mogħġub minn Alla. Jimliekom Alla tiegħi b'kull ġid fil-ħtieġa tagħkom" (Fil 4,15-19).

Għalkemm fil-bogħod Pawlu ma nesiex il-kortesija u l-imħabba li kienu urewh l-insara tal-komunità ta' Filippi meta wasslilhom l-Evanġelju.

## Pawlu fil-belt ta' Tessalonika

Meta Pawlu ħalla Filippi u, flimkien ma' Sila, hu ivvjaġġa mit-triq li tgħaddi minn Amphipolis u Apollonia. Imbagħad waslu fil-belt importanti ta' Tessaloniki, jew



*Veduta fuq Tessalonika*

Tessalonika. Kienet il-belt prinċipali tal-Maċedonja. Illum Tessaloniki hi metropoli ta' aktar minn miljun abitanti, u hi t-tieni l-akbar belt fil-Greċja wara Ateni. Il-belt tinsab fuq il-Golf Theramikos, fuq il-majjistral tal-Baħar Eġew, u fuq il-punent għandha x-xmara Axios. Hi wkoll ċentru universitarju importanti.

Tessalonika ġiet mibnija fis-sena 315 q.K. minn Kassandros il-Maċedoni, li semmieha għal martu Thessalonike, bint Filippu II tal-Maċedonja. Fl-era Rumana Tessalonika kienet metropoli importanti, u l-aktar fl-era Biżantina. Fl-1 seklu tal-era Kristjana kienet ċentru kummerċjali importanti fuq il-*Via Egnatia*, li sal-lum għad hemm fdalijiet arkeoloġiċi tagħha fl-istess belt. Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħha bħala belt li tħares fuq il-Baħar Eġew imma li kellha triq importanti ta' komunikazzjoni mal-punent tal-Penisola Balkanika u mal-Baħar Jonju u Adrijatiku, Tessalonika saret metropoli li kienet ideali għall-evanġelizzazzjoni minn Pawlu.

Fost il-monumenti storiċi importanti tal-belt ta' Tessalonika nsemmu l-Ark ta' Galerju u l-fdalijiet tal-epoka Rumana. L-imperatur Galerju miet fis-sena 313. Għad fadal il-fdalijiet tal-palazz imperjali u l-ark trionfali li jmur lura għas-sena 298, il-mawsolew u l-ippodromu. Hemm ukoll il-fdalijiet tal-agorà u fdalijiet tal-ħitan li kienu nbnew mill-imperatur Teodosju bejn is-snin 379 u 395.

Hemm diversi knejjes importanti f'Tessalonika. Fosthom insemmu l-knisja ta' *Haghia Sophia* li tmur lura għas-seklu 8 u li fiha mużajċi antiki. L-aktar knisja importanti hi l-Bażilika ta' San Dimitri (*Hagios Demetrios*), mibnija fuq il-post fejn dan il-qaddis Biżantin sofra l-martirju fis-sena 305. Hi knisja b'ħames navati u fiha mużajċi li jmorru lura għas-sekli 5-7. Għandha kripta tassew sabiħa li baqgħet intatta u li qatt ma nqerdet bit-terremoti. Il-Bażilika fiha wkoll il-qabar ta' San Dimitri li fl-ikoni Griegi dejjem hu rappreżentat riekeb fuq żiemel aħmar. Hemm ukoll il-Knisja tal-Appostli, tas-seklu 14, li fiha ħames koppli u fdalijiet ta' affreski u mużajċi.

L-aktar monument popolari ta' Tessalonika hu t-Torri Abjad, forma tonda, li hemm qrib il-baħar, u li nbena fi żmien il-ħakma Ottomana fuq fdalijiet ta' torri Biżantina. Fil-għoli fuq il-belt hemm ukoll il-fortizza antika li minnha wieħed jilmaħ dehra panoramika ta' Tessalonika.

Ir-rakkont tal-waqfa ta' Pawlu f'Tessalonika nsibuh f'Atti 17,1-9: "Għaddew minn Amfipoli u Apollonja u waslu Tessalonika, fejn kien hemm sinagoga tal-Lhud. Pawlu daħal magħhom fis-sinagoga, kif kien imdorri jagħmel. Għal tliet Sibtijiet wara xulxin kien jiddiskuti magħhom fuq l-Iskrittura, u jfehemhom u jippruvalhom li l-Messija kellu jbati u jqum mill-imwiet. U kien jgħidilhom: 'Il-Messija hu dan Ġesù li jien qiegħed inxandrilkom.' Xi wħud minnhom emmnu u ssieħbu miegħu u ma' Sila; fosthom kien hemm għadd kbir ta' Griegi li kienu jqimu lil Alla, u mhux ftit nisa mill-kbarat. Imma l-Lhud ġiethom l-għira, ġabru xi rġiel bla kont mit-triqat, ġemgħu l-folla, u qajmu rvell sħiħ fil-belt. Daħlu d-dar ta' Ġasone ifittxu lil Pawlu u 'l Sila biex iressquhom quddiem il-poplu. Billi ma sabuhomx, kaxkru lil Ġasone u 'l xi wħud mill-aħwa quddiem il-kapijiet tal-belt u bdew jgħajtu: 'Dawn l-irġiel, li qallbu d-dinja ta' taħt fuq; ġew hawn ukoll u laqagħhom għandu Ġasone. Huma lkoll qegħdin jeħduha kontra d-digriet ta' Ċesari, għax qegħdin jgħidu li hemm sultan ieħor, li hu Ġesù.' Meta semgħu dan il-kliem, il-folla u l-kapijiet tal-belt tħawwdu. Mbagħad, wara li Ġasone u l-oħrajn għamlu tajjeb għalihom, ħallewhom imorru."

Kien għal din ir-raġuni li Pawlu kellu jitlaq ukoll minn Tessalonika u jmur fi bliet oħrajn. L-ewwel ma mar kien fil-belt ta' Berija, illum Veria, fejn kellu aktar suċċess fil-predikazzjoni milli kellu f'Tessalonika, billi l-Lhud li kienu joqogħdu hemmhekk "kienu ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika" (Atti 17,11). Imma anke hemmhekk Pawlu malajr sab persekuzzjoni minn Lhud li ġew ixewwxu n-nies minn Tessalonika, u kellu jitlaq minn hemmhekk u jmur f'Ateni. Imma l-Atti jgħidulna li f'Berija Pawlu kellu suċċess fil-ħidma ta' evanġelizzazzjoni: "Huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu. Għalhekk ħafna minnhom emmnu; hekk ukoll għadd ġmielu ta' Griegi, nisa nobbli u rġiel" (Atti 17,12). Imma Pawlu malajr kellu jħalli Berija, filwaqt li ħalla warajh lil Sila u lil Timotju biex ikomplu l-ħidma tiegħu u mbagħad imorru jilħquh fil-kapitali tal-kultura Griegi, il-belt ta' Ateni.

Lill-insara ta' Tessalonika Pawlu kitbilhom żewġ Ittri. L-ewwel Ittra lit-Tessalonkin x'aktarx inkitbet fis-sena 51, ftit xhur biss wara li Pawlu kien mar f'Tessalonika. Pawlu kitibha meta kien Korintu, u hu l-ewwel waħda fost l-Ittri tiegħu. Anke t-tieni Ittra lit-Tessalonkin hi meqjusa li nkitbet ftit żmien wara l-ewwel waħda, għalkemm mhux l-eseġeti kollha jaqblu dwar dan. Jidher li lit-Tessalonkin Pawlu ried iqawwihom fil-fidi, u anke jikkoreġi l-idea żbaljata li kellhom dwar it-tieni miġja tal-Mulej, għax kienu jemmnu li din kellha sseħħ ma ddumx. Dan wassal għal xi problemi dwar kif kienu jqisu l-laqgħa ma' Kristu quddiem il-fatt li xi wħud mill-komunità Kristjana kienu diġà mietu. Problema oħra kienet li xi wħud kienu qed jitgħażżnu u jaħlu l-ħin prezzjuż. Pawlu jwissihom li t-tieni miġja tal-Mulej ma kinetx tfisser li wieħed ma kellux jimpenja ruħu biex jaħdem bl-onestà dment li għadu fid-dinja. L-Ittri lit-Tessalonkin huma dokumenti importanti u xhieda fuq il-Knisja tal-bidu u t-tama tagħha fil-qawmien mill-imwiet.

## Pawlu fil-belt ta' Ateni

Il-metropoli ta' Ateni, kapitali tal-Greċja, illum għandha aktar minn 3 miljuni ta' abitanti, terz tal-popolazzjoni tal-Greċja. Hi belt mimlija storja u monumenti tal-era klassika, li jżuruha miljuni ta' turisti. Bħala belt ilha abitata sa mit-tieni millenju q.K. Kienet oriġinarjament ġabra ta' rħula ta' nies Joniċi li ngħaqdu flimkien madwar l-għolja tal-Akropoli, li sal-lum għadha n-nukleu storiku u arkeoloġiku tal-belt. L-isem tagħha ġej mill-alla Atena, l-alla tal-għerf, tal-gwerra, u tal-artiġġjanat, li l-ekwivalenti tagħha f'Ruma kienet l-alla Minerva. Il-monument prinċipali fuq l-Akropoli, il-Parthenon, hu ddedikat lilha. Fis-sekli 8 u 7 q.K. gawdiet minn perjodu ta' stabilità u prosperità kbira. Kien fis-sena 594 q.K. li fiha ddaħħlet leġislazzjoni u sistema ta' klassijiet soċjali li jiffurmaw il-bażi tal-ewwel tip ta' gvern demokratiku. Il-prinċipji tal-*polis*, jew tal-ħajja tal-belt ta' Ateni kienu l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-parteċipazzjoni diretta fil-ħajja politika u l-libertà tal-espressjoni, anke jekk kienu esklużi minn dawn il-privileġġi n-nisa, il-barranin u l-iskjavi. Il-gwerer kontra l-Persjani Darju u Serse, bejn is-snin 490 – 479 q.K., wasslu lil Ateni biex issir belt suprema fil-Greċja. Il-belt saret ċentru ta' filosofija, arti, letteratura, drama, u fiha kienu joqogħdu l-aqwa filosofi, retoriċi, artisti u poeti. Wara l-gwerra tal-Peloponnesos (431 – 404 q.K.) Ateni tilfet il-prominenza tagħha u fis-sena 337 q.K. ġiet sottomessa għal Filippu II tal-Maċedonja u Alessandru l-Kbir. Fl-1 seklu tal-era Kristjana, meta żarha Pawlu ta' Tarsu, kienet tilfet l-importanza tal-era ta' Pericles (seklu 5 q.K.) imma xorta baqgħet ċentru

spiritwali tal-Greċja u l-kapitali tal-ħsieb filosofiku.

Pawlu wasal Ateni fis-sena 51 u għall-ewwel qagħad jistenna l-wasla ta' Sila u Timotju minn Bereja. Il-waqfa tal-Appostlu tal-ġnus f'Ateni nsibuha rakkontata fil-kapitlu 17 tal-Atti tal-Appostli: "Kemm dam Ateni jistennihom, Pawlu kien jinkedd fih innifsu jara l-belt mimlija idoli. Għalhekk fis-sinagoga kien jiddiskuti mal-Lhud u ma' dawk kollha li kuljum kienu jinzertaw għaddejjin mill-pjazza tal-belt. Resqu wkoll jitħaddtu miegħu xi Epikurej u Stojċi. Uħud minnhom kienu jgħidu: 'X'għandu x'jgħid dan il-lablâb?' U oħrajn: 'Donnu messaġġier ta' xi allat stranġiera.' Għax kien ixandar lil Ġesù u lill-qawmien mill-imwiet (*Anástasis*). Għalhekk ħaduh magħhom u marru fl-Arjopagu u qalulu: 'Nistgħu nkunu nafu x'inhu dan it-tagħlim ġdid li qiegħed tgħallem? Għax int semmajtna ħwejjeġ li qatt ma smajna bihom, u aħna nixtiequ nkunu nafu x'inhuma dawn.' Issa l-Atenin kollha u l-barranin li kienu joqogħdu hemm ma kienu jehdew b'xejn ħlief b'li jgħidu jisimgħu xi ħaġa ġdida" (Atti 17,16-21).

Kien fuq l-Arjopagu li Pawlu kellu jagħmel l-uniku diskors lill-uditorju pagan li jinsab fl-Atti, u li hu uniku fin-nisġa tiegħu. Imma qabel ma niflu dan id-diskors naraw ftit il-post tal-Arjopagu, li sal-lum wieħed għadu jista' jżur il-fdalijiet tiegħu fuq l-Akropoli, ftit distanza bogħod mill-Parthenon u fuq livell aktar baxx. L-isem Arjopagu jirreferi għall-"għolja ta' Ares". Din tinsab fuq il-grigal tal-Akropoli u kienet it-tribunal. Minn fuqha wieħed sal-lum jista' jgawdi veduta stupenda tal-belt ta' Ateni u tal-port tal-Piraeus. Ares kien alla Grieg tal-



*Dehra tal-Akropoli ta' Ateni mill-Areopagu*

gwerra u tal-kuraġġ. Oħtu kienet l-alla Athena. Kien fuq din il-għolja li Pawlu għamel diskors ċelebri li naqraw f'Atti 17,22-31.

Filwaqt li, meta kien ikellem lil-Lhud fis-sinagogi, Pawlu kien dejjem jitlaq mill-istorja sagra tal-poplu ta' Israel biex imbagħad jasal għal Ġesù bħala Messija, fil-każ tad-diskors li għamel fuq l-Arjopagu ta' Ateni ma setax juża dan il-metodu. Quddiemu kellu filosfi pagani, li saħansitra kienu jaħsbu li Pawlu ried jitkellem minn allat, li wieħed kien jismu Ġesù u l-oħra kien jisimha *Anástasis* (qawmien mill-imwiet). Għaldaqstant Pawlu beda d-diskors tiegħu bi kliem ta' *captatio benevolentiae*, jiġifieri billi jiġbed is-simpatija tal-uditorju tiegħu: "Rġiel ta' Ateni, qiegħed nara li intom f'kollox nies mill-aktar reliġjużi." U biex jibda b'argument tajjeb isemmi li ra altar li kellu kitba fuqu: "Lil alla mhux magħruf." B'hekk seta' jikkonvinċihom b'dak li huma stess kienu qed jaħsbu dwaru, jiġifieri li hu ried ikellimhom fuq xi divinità ġdida. U jibbaża d-diskors tiegħu fuq l-opra tal-ħolqien ta' Alla u fuq il-providenza tiegħu mal-bnedmin, biex jasal ħalli jikkonvinċihom li dan Alla ma għandux bżonn jiġi rappreżentat minn statwi ta' idoli u xbihat simili. Saħansitra jasal biex jikkwota poeta Grieg li kien qal: "Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna," x'aktarx riferiment għall-poeta Grieg Aratos (seklu 3 q.K.). Meta wasal biex għamel din l-espożizzjoni kkonkluda d-diskors billi beda jirreferi għall-qawmien mill-imwiet ta' Ġesù: "Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu. Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet" (Atti 17,30-31).

Dan kien il-mument li fih Pawlu intebaħ li d-diskors tiegħu kien kważi falliment. "Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku; iżda oħrajn qalu: 'Nergħu nisimgħuk fuq dan darb'oħra.' Hekk Pawlu ħareġ minn ġo nofshom. Imma xi wħud issieħbu miegħu u emmnu; fost dawk kien hemm ukoll Dijonisju l-Areopaġita u waħda mara jisimha Damaris u oħrajn magħhom" (Atti 17,32-34).

Id-diskors dwar il-qawmien mill-imwiet ma kienx idoqq għall-widnejn tal-filosfi Griegi u għaldaqstant huma ċaħdu l-messaġġ ta' Pawlu. L-Appostlu ħa tagħlima li kellha sservieh għall-kumplament ta' ħajtu. Hu fehem li l-uniku messaġġ ta' salvazzjoni kien biss dak tal-iskandlu ta' Kristu msallab. Meta kiteb lill-Korintin aktar tard, hu wera kemm l-episodju ta' Ateni ikkonvinċih li Kristu msallab jibqa' skandlu għal-Lhud u għall-Griegi (pagani), imma li fih biss hemm is-salvazzjoni:

"Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta' Alla. Bħalma hu miktub: 'Neqred l-għerf tal-għorrief; nwarrab id-dehen tad-dehnin.' Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta' din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja? U billi, fl-għerf ta' Alla, id-dinja b'għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni. Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru lil Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa aktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin" (1Kor 1,18-25).

L-Atti jibdew il-kapitlu 18 billi jgħidulna li minn Ateni Pawlu telaq u mar Korintu. L-ewwel parti tal-vjaġġ tiegħu fil-Maċedonja kien taħlita ta' suċċessi u fallimenti, u Pawlu daq il-persekuzzjoni tal-Lhud li ma ridux jilqgħu l-messaġġ tal-

Evanġelju, kif ukoll in-nuqqas ta' komprensjoni mill-Griegi pagani li ma ridux jaċċettaw il-misteru ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt. Quddiem uditorju li kellu qalb iebsa jew uditorju li kien jaħseb li l-għerf filosofiku seta' jagħtih tweġiba għal kollox, Pawlu intebaħ li l-Evanġelju kellu jiġi mxandar lill-fqajrin u lill-umli, kemm jekk kienu Lhud u kemm jekk kienu pagani. Kien għalhekk li darba oħra naraw lil Pawlu jieqaf għal sena u nofs fil-metropoli ta' Korintu, fejn seta' jifforma komunità Kristjana fjorenti minn dawk li kienu foqra u ta' kundizzjoni soċjali baxxa, u li kienu aktar disponibbli li jilqgħu l-Evanġelju. Anke huma, iżda, kellhom ikunu uġigħ ta' ras u ta' qalb għall-Appostlu tal-ġnus, li jfakkarhom li kien hu li nissilhom fi Kristu.




# L-APOKALISSI (2)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Il-Kontenut tal-Apokalissi

Il-Professur Ugo Vanni tal-Biblicum u tal-Gregoriana ġewwa Ruma, jgħidilna li l-ktieb fih il-Prologu fl-ewwel tliet versi, il-korp tal-ktieb huwa minn 1:4 sa kap 22:5. Għandna d-dehra tat-tron tal-ħaruf, l-għotja tas-seba' siġilli (fuq il-linja tat-'testatio' ruman issiġillat b'seba' siġilli quddiem 11-il xhieda), u l-Jum il-Kbir tal-intervent aħħari ta' Kristu. Il-ktieb jagħlaq b'epilogu f'kap 22:6-21.

Il-kontenut tal-ktieb, jibda l-ittri lis-Seba' knejjes tal-Asja ('eptapoli ekkleżjali', totalità fejn naraw ukoll eżami tal-kuxjenza u għalhekk liturġija penitenzjali skont Vanni hija – 'trafila penitenziale'). Il-knisja ta' Efesu, (isem li jfisser 'il-mixtieqa'), kienet knisja importanti u ċentrali ('il primo amore'), fil-fatt kienet il-metropoli fil-provinċja rumana tal-Asja, fil-periklu li jitilfu l-fidi, fejn tissemma s-sinagoga ta' Satana 'sunagoge tou satana', u fejn kien hemm il-kult ta' Artemis. Anke f'dan l-aħħar ktieb fil-bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fhiex waqajt; indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apokalissi 2:5).

Żmirna (li tfisser 'mirra'), knisja fqira iżda fidila lejn it-tagħlim, famuża għal-logħbiet olimpiċi u għalhekk tissemma 'il-kuruna tar-rand'). Pergamus (li tfisser 'eżaltazzjoni'), belt fil-Misja fejn kien hemm it-tagħlim ta' Balaam (ara Numri 25:1-3) u tal-Nikolajtani, fejn il-kult lill-Imperatur kien qawwi, fejn hemm it-tron tax-xitan, (ara 2:13, il-parċmina - charta pergamena - kienet ġejja minn hawn ukoll u kien hemm librerija ta' 200 elf volum, it-tieni waħda wara dik ta' Lixandra) u fejn kien kien hemm il-'ius gladii', id-dritt li tuża x-xabla b'żewġt ixfar – 'distomos'). Tijatira (ara Lidja f'Atti 16, isem li jfisser 'xogħol'), hija l-itwal waħda mill-ittri, fejn kien hemm s-segwaċi ta' Ġeżebel, profetessa falza, u fejn kienu jieklu ikel offrut lill-idoli – 'phagein eidolothuta'.

Sardis, il-kapitali fir-renju ta' Lidja, (isem li jfisser 'il-fdal'), li minnha kienet tgħaddi t-Triq Rjali jew tal-Persja, knisja li hija fidila f'xi affarijiet u f'periklu f'affarijiet oħra, magħrufa għall-industrija tat-tessuti, twapet vjola u tessuti bid-deheb. Hija assoċjata mad-deheb ('chrysion') li kien jinstab fix-xmara Pactolus, mal-inbid famuż Tmolus u fejn miet ir-Re Midas li kellu l-poter li jittrasforma dak li jmiss f'deheb. Filadelfja fil-Lidja, (tfisser 'l-imħabba tal-aħwa'), illum hija 'Ala-Sheher', knisja fidila lejn it-tagħlim, hija biss meħlusa mis-siegħa tat-tribulazzjoni. Lawdiċea, (tfisser 'valuri mundani'), knisja li hija fil-periklu li jitilfu l-fidi. Imwaqqfa minn Antioches II u semmiha għal martu (261-246 Q.K.), u li kienet sitt mili 'il bogħod mill-ilmijiet sħan u mediċinali ta' Ġerapoli u 11-il mil'il-bogħod minn Kolissi fejn kien hemm ilmijiet friski (għalhekk il-Lawdikin huma mela berdin, 'chliaros'). Kienet belt sinjura magħrufa għall-mediċina u ukoll għall-kożmetika magħmul mit-trab ta' Friġja u għas-suf iswed .

Fl-istruttura tal-ktieb naraw li 1:12-20 u l-aħħar parti 21:1-22:5, huma ambjentati fid-dinja, waqt li mill-kapitlu 4 sal-19:10 huma ambjentati fis-sema, biċ-ċentru jkun 11:19 b'rabta mal-kamra ta' ġewwa, l-iktar post sagru tat-tempju. Skont K.A. Strand l-Apokalissi bħall-evanġelju ta' San Ġwann, jinqasam f'żewġ partijiet: hemm il-parti storika minn 1:1-14:20 u l-parti eskatoloġika minn 15:1-22:21, fejn il-parti ċentrali hija 15:2-4 (l-Għanja ta' Mose' u l-Ħaruf) u fejn isostni li fih struttura konċentrika. Ta' l-istess ħsieb hija E. Schussler Fiorenza, iżda l-parti ċentrali hija 10:1-15:4 bl-istruttura konċentrika tagħha: "for concluding 10:1-15:4 as the centre of the book by being the prophetic interpretation of the political and religious situation of the community". Waqt li għal Massyngberde



Ford din id-diviżjoni tażżewġ partijiet fl-Apokalissi sseħħ bejn il-kapitlu 11 u 12 u għalhekk iżomm din l-istruttura ta' 1-11  u 12-22. Din id-diviżjoni hija ukoll aċċettata minn Swete, Allo u Feuillet. Skond P.J. Sena, il-kapitli 4 sa 11 huma mlaqqma bħala 'l-Apokalissi għal-Lhud' u l-kapitli 12 sa 20 'l-Apokalissi għall-Ġentili'. Fil-fatt insibu 194 vers mill-kapitli 1-11 u 193 vers mill-kapitlu 13-22, biċ-ċentru jkun il-kapitlu 12. Lancelloti għandu din id-diviżjoni: Introduzzjoni (1:1-20); il-korp (2:1-22:5) - sezzjoni pastorali (kap 2-3) - sezzjoni profetika (4:1-22:5); Epilogu (22:6-11).

R. Loenertz, J. Bowman, L. Spinks isostnu li l-ktieb fih seba' sezzjonijiet. J. Massyngberde Ford isostni li l-ktieb fih sitt partijiet waqt li K. Strand u J. Gager jgħidu li l-ktieb fih 8 partijiet. J.P. Charlier isostni li l-ktieb fih 5 partijiet, J. Harrington u A. Collins jitkellmu minn 2 partijiet, waqt J. Sweet u E. Corsini jitkellmu minn 4 partijiet. J. Lambrecht jaqsam il-ktieb fi 3 partijiet. Skond A. Y. Collins: "there are as many proposed structures for the Book of Revelation as there are commentators".

Il-ktieb fih diversi riferimenti mill-Antik Testment (għalkemm ma hemmx kwotazzjoni waħda) li jgħoddu madwar 683 (ara Apok 2:26-27 ma' Salm 2:8-9; 3:7 ma' Isaija 22:22; u 7:16-17 ma' Isaija 49:10). Insemmu ukoll li mill-404 versi tal-ktieb, 278 vers ma għandhom l-ebda allużjoni għall-A.T. Dwar l-allużjonijiet D.A. DeSilva jikteb: "John incorporates hundreds of phrases and even essentially complete verses from Jewish Scriptures". Waqt li E. Schussler Fiorenza tikteb: "John uses OT text as he uses Jewish Apocalyptic, pagan mythological and early Christian materials in an allusive 'anthological' way. John's task is not

the exposition and interpretation of the OT prophets by the prophetic proclamation about many peoples kings and nations. Not the OT prophets but his own historical-theological situation in his locus of revelation".

Il-ktieb tal-Apokalissi għandu allużjoni għal 35 ktieb minn 46 ktieb tal-Antik Testment, fejn għandek 247 allużjoni minn Isaija, 94 allużjoni minn Eżekjel, 71 allużjoni mis-Salmi (2; 18; 33; 79; 86; 89; 98; 106; 134; 135; 144; 149;) 49 minn Ġeremija, 40 minn Danjel, 26 mill-Eżodu u 18 minn Żakkarija u diversi oħrajn. Fil-fatt Isaija, Eżekjel, Ġeremija, Danjel, Salmi u Eżodu, joffru 77 fil-mija tal-allużjonijiet mill-A.T. li nsibu fl-Apokalissi. Dwar dan D.L. Barr jikteb: "the traditions of the Danielic Son of Man (Rev 1:13); the myth of correspondence, with a heavenly world corresponding to the earthly world (Rev 1:20); myths connected to Jewish festivals (Rev 7:1-17); the myth of Israel reconstituted (Rev 7:5); the myth of the eschatological prophet (Rev 11:3); the myth of the great mother (12:1); war in heaven (12:7); the two primal beasts (13:1); myths from the wilderness, exodus, and temptation (17:3); and a whole sequence connected with the archaic creation myths of the ancient Near East, chaos, war, order, marriage, and rule (Rev 19-21). John uses important archetypes including the temple, the plagues, Egypt, Babylon, the dragon, righteous violence, virginity, and wilderness".

Fuq kollox il-kontenut tal-ktieb juri xebh mar-raba' evanġelju ta' San Ġwann kemm fis-simboliżmu u kemm fit-temi li nsibu bħalma hija t-tema ferm importanti tal-Ħaruf u t-tema tad-dinja ('kosmos') u tal-univers.  Insibu ukoll il-kunċett tad-duwaliżmu tar-raba' evanġelju bħal Alla u x-xitan; Ġesu' u l-antikrist; l-Arkanġlu Mikiel u l-bhima; il-Mara liebsa x-xemx ('peribeblemene ton helion', ara Isaija 60:1: "Qum! Ħa jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!") u l-prostituta ta' Babilonja bilqiegħda fuq l-ilmijiet ('epi hudaton pollon'). Tajjeb li ngħidu li t-terminu 'kosmos' insibuh tliet darbiet f'Apokalissi, filwaqt li jinsab 78 darba fl-evanġelju ta' San Ġwann, 22 fl-ewwel ittra tiegħu u darba fit-tieni ittra tiegħu. Fuq kollox ta' min jinnota x-xebh kbir lessikali mar-raba' evanġelju, bħat-tema tar-ragħaj f'7:17 ma' Ġwanni 10:11; it-tema tal-manna f'2:17 ma' Ġwanni 6:31-49; it-tema tal-ħajja u d-dawl u l-ilma f'7:17; 21:6 u 22:1-17 ma' Ġwanni 4:14 u 7:37; Kristu minfud ('ekkenteo') bil-lanza f'1:7 ma' Ġwanni 19:37; waqqaf it-tinda ('skenoo') f'7:15; 12:12; 13:6 u 21:3 ma' Ġwanni 1:14; kif ukoll termini oħra bħal: tirbaħ ('nikao'), tosserva l-kelma ('terein ton logon') u tosserva l-kmandamenti ('terein tas entolas'): "U jiġri dakinhar li jiena nfittex neqred il-ġnus kollha li jiġu kontra Ġerusalemm. U fuq id-dar ta' David u fuq dawk li jgħammru f'Ġerusalemm insawwab spirtu ta' ħniena u talb. U huma jħarsu lejn dak li jkunu nifdu, u jibkuh bħal wieħed li jibki li jibki lil ibnu l-waħdieni, u jokorbu għalih bħal min jokrob għal ibnu l-kbir" (Żakkarija 12:9-10, ara ukoll Ġwanni 19:31-36).

Din ir-rabta mal-evanġelju nsibuha diġa' fit-tradizzjoni patristika antika ta' Ġustinu, Irenew ta' Lyon, l-iskola ta' Lixandra, Tertulljanu, Ippolitu u San Ċiprijanu ta' Kartaġni. It-tema tal-ħaruf bil-grieg 'arnion' (litteralment ifisser 'ħaruf zgħir') insibuha 29 darba fil-ktieb (fl-evanġelju Ġwanni juża t-terminu grieg: 'amnos', bl-ebrajk talya'). It-terminu 'arnion' (dejjem fil-forma assoluta u qatt mal-ġenettiv 'tou Theou') irid ifisser ħaruf prezzjuz, ħaruf regali u glorjuż waqt li 'amnos' hija marbuta mal-ħaruf tas-sagrifiċċju: "Għad jagħmlu gwerra lill-ħaruf u l-ħaruf joħroġ rebbieħ fuqhom" (17:7). Il-Ħaruf għandu sebat iqrun ('echon kerata hepta', totalita ta' qawwa messjanika, totalità

ta' potenza paskwali) u seba' għajnejn ('echon ophthalmous hepta', seba' spirti ta' Alla, totalita' tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, l-għajn hija simbolu tal-għerf, iktar ma jkun hemm għajnejn ikbar mela huwa l-għerf u għalhekk 7 għajnejn ifissru l-perfezzjoni tal-għerf ta' Alla).

L-erba' annimali f'4:6-9 u 6:1-8, l-iljun ('leon', ir-re tal-annimali u għalhekk il-qawwa tal-fidi, 6 darbiet fl-Apokalissi), l-għoġol (jissimboleġġja l-ħniena tal-knisja), l-anġlu jew l-bniedem (l-umilta') u l-ajkla ('aetos', tirrappreżenta s-sema, 3 darbiet fl-Apokalissi) għandhom sitt iġwienaħ (u għalhekk m'humiex perfetti, riferiment għas-sitt epoki tad-dinja) u sitt għajnejn (il-liġi naturali, il-liġi tal-kelma, il-liġi tal-profeti, il-liġi tal-evanġelju, il-liġi tal-appostli u l-liġi tal-knisja). Dawn mela m'humiex perfetti bħalmu hu l-Ħaruf (b'rabta ukoll mal-kandelabru b'seba' xemgħat f'Żakkarija 4:2-10, kandelabru tad-deheb 'menorath zahab', ara ukoll Eżodu 25:31: "Int tagħmel ukoll imnara tad-deheb fin; tagħmilha tad-deheb mastizz: is-sieq u l-bastun tagħha, bil-ġewż u ż-żibeġ u ż-żahar, ikunu biċċa waħda magħha", il-kandelabru f'seba' friegħi juri l-knisja fil-globalita' tagħha). Kristu fil-fatt huwa l-iljun fil-qawmien, l-għoġol tal-ħniena fil-passjoni, il-bniedem fl-inkarnazzjoni u l-ajkla fl-axxensjoni. Fl-1 kapitlu jissemma Kristu; fil-kapitli 2 u 3 is-seba' knejjes, fir-4 kapitlu jissemmew l-24 xiħ; fil-kapitlu 7 il-144 elf; fil-kapitlu 12 il-mara u l-wild tagħha; it-12-il tribù u t-12-il appostli fil-kapitlu 21

Bħar-raba' evanġelju (1:1-18), u l-ewwel ittra ta' San Ġwann (1:1-5, fl-Apokalissi għandu ukoll il-prologu (liturġiku) tiegħu f'1:1-3 li jirreferi għal Kristu bħala 'ho logos'. Il-vers 2 huwa wieħed ċentrali tal-vv.1-3, fejn naraw il-kobor u x-xhieda tal-Kelma ta' Alla 'hos emarturesen ton logon tou Theou'. F'dan l-ewwel kapitlu għandna introduzzjoni mill-iktar sabiħa li tispjega l-iskop aħħari tal-ktieb u ddawwal minn qabel il-viżjoni tal-ktieb. Il-kapitlu 1 jinqasam: vv.1-3 fejn għandna t-titlu u l-awgurju; vv 4-8 fejn għandna t-tislima liturġika tal-awtur u vv.9-20 fejn għandna l-viżjoni introduttiva. Il-vers 1 jiddefenixxi l-ktieb tagħna bħala 'Apokalissi' u 'Profezija' ('propheteias') fejn kollox għandu l-bidu u l-oriġini minn Alla (ara Ġw12:9).

Din hija Rivelazzjoni afdata lil Ġesu Kristu kif naraw fil-ġenettiv grieg b'valenza messjanika: 'Iesou Christou'. Huwa ġenettiv suġġettiv għaliex huwa Ġesu' li qiegħed jagħmel din r-rivelazzjoni kif naraw lil Ġesu' jibgħat lill-anġlu tiegħu lil Ġwanni biex juri u jindikalu (bil-grieg: 'esemanen', b'rabta mal-kelma ġovannejja 'semeion', ara Ġwanni 18:32) din ir-rivelazzjoni. Imma huwa ukoll ġenettiv oġġettiv għaliex ir-rivelazzjoni tal-Apokalissi hija ukoll dwar Ġesu'. Dan l-ewwel vers mela juri li Ġesu' Kristu huwa ċ-ċentru tal-messaġġ tal-ktieb tal-Apokalissi. L-anġli li jissemmew ħafna fil-ktieb tagħna jissemmew bħala messaġġiera ta' Ġesu' f'22:16 u huma l-ħbieb mal-Messija li joħroġ rebbieħ (ara Apok 11:3-13).

Ġwanni l-awtur tal-ktieb, huwa mela l-qaddej ta' Ġesu' Kristu li jittrasmetti dak li ra (bil-grieg 'eiden', fl-awrist) u dak li sema' ('akouw', 46 darba fl-Apokalissi). Fl-ewwel vers naraw ukoll min huma d-destinatarji tal-ktieb li huma 'il-qaddejja' ('doulois') li huma dawk li jisimgħu ('hoi akouontes'), josservaw ('terountes') u jaċċettaw il-kliem tal-profezija ('tous logous tes propheteias'). Dawn huma msejħa hienja fil-vers 3. Il-versi 1-3 jikkumplimentaw ma' 22:21 fil-kwadru epistulari tal-ktieb. Hawnhekk naraw li l-Apokalissi huwa marbut ma' kuntest liturġiku tat-talb fejn għandna l-lettur u min jisma' (formula ta' 'risveglio' – 'Weckformel', 1:1-3). Fil-vers 9 niltaqgħu mal-espressjoni, 'Il-kelma ta' Alla' u 'ix-xhieda ta'

Ġesu' Kristu', ara ukoll 20:4. L-assemblea liturġika tagħmel din il-kelma ħajja u ssir il-protagonista ewlenija tal-Apokalissi.

Fil-kapitlu 2 naraw il-filjolanza ta' Kristu ('filius Dei') u hawnhekk naraw x-xebh ma' Salm 2 (ara Apok 2:26-28 u Salm 2:7-9). Għandna hawnhekk id-dija ('lampros') fil-kewkba ta' fil-għodu ('ton astera ton proinon') f'2:28. Jiddeskrivi lil Kristu fil-kapitlu 3 bħala l-Amen, ix-Xhud Fidil, il-Bidu tal-Ħolqien. Il-kapitli 2 u 3 jikkonsistu f'seba' ittri, li Ġwanni mnebbaħ minn Kristu jindirizza lis-seba' knejjes tal-Asja Minuri (it-Turkija tal-lum) li huma Efesu (2:1-7); Żmirna (2:8-11); Pergamum (2:12-17); Tijatira (2:18-29); Sardi (3:1-6); Filadelfja (3:7-13) u Lawdiċeja (3:14-22). Kollha minbarra Tijatira kellhom it-tempji imperjali u kollha minbarra Filadelfja u Lawdiċeja kellhom altari saċerdoti imperjali. Fuq kollox f'dawn iż-żewġ kapitli 2 u 3 naraw lil Kristu ġej sabiex iġib il-ħelsien u ġej ukoll għall-ġudizzju ('is-siegħa tal-ġudizzju'): "Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jgħammar fl-art" (3:10).

Fil-kapitlu 4 naraw it-Tron, il-glorja, bil-grieg: 'doksa', (tinsab 17-il darba fl-Apokalissi) fejn skond Vanni



tinsab fi 8 dossoloġiji: 1:4-8; 4:8-11; 5:8-14; 7:9-12; 11:15-18; 15:3-4; 16:5-7; u 19:1-8). Il-glorja ta' Alla fil-qorti ċelesti u l-qawsalla madwar it-tron li hija riferenza għall-evanġelju madwar il-knisja. F'4:1 għandna l-frazi 'wara dan rajt' li nsibuha ta' spiss fil-profeziji tal-Antik Testment li fiha l-profeta juri li se jirċievi l-ispirazzjoni ta' Alla. Naraw hawnhekk id-dehra tat-tron t'Alla (sinjal ta' tmexxija), li jindika li Alla hu l-Mulej sovran tad-dinja u tal-istorja u li se jagħti bidu għal dan il-ġudizzju tiegħu. "Bieb miftuħ fis-sema" hi espressjoni komuni ħafna fl-apokalittika, huwa filfatt Ġesu' li jiftaħ dan il-bieb (ara Ġw 1:51). "Il-baħar tal-ħġieġ qisu kristall", għandu rabta ma' Eżekjel 1 u l-ktieb ta' Enok. L-ilma tal-ħġieġ jirriferi għall-ilmijiet superjuri.

Fil-kapitlu ħamsa għandna l-Ħaruf (il-Kristoloġija tal-Ħaruf, 'Lamb Christology', 5:5-14), u s-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu li huma: it-tnissil ta' Ġesu' Kristu, it-twelid, il-passjoni, id-difna, il-qawmien, l-axxensjoni u t-tqegħid fuq il-lemin ta' Alla, dawn huma s-seba' siġilli li jiftaħ Ġesu'. Hawnhekk insibu żewġ titli messjaniċi importanti: "l-iljun tat-tribu' ta' Ġuda"

('ho leon ho ek tes phules Iouda'), u "ir-rimja ta' David" ('he riza Dauid', ara Isaija 11:10). Is-seba' qrun tal-ħaruf juru l-milja tal-qawwa messjanika u tad-dinjita' regali: "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu: fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu ta' l-għerf u d-dehen, l-ispirtu ta' l-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu ta' l-għerf u l-biża' tal-Mulej, u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej" (Isaija 11:1-3).

Fil-kapitli 6:1-8:5, naraw: l-erba' kavallieri differenti (6:1-8) u l-ftuħ tal-ewwel erba' siġilli (ara Żakkarija 6:1-7).  Iż-żiemel l-abjad huwa l-knisja u l-kavallier tiegħu huwa l-Ispirtu s-Santu. Dan huwa marbut mal-kavallier li huwa Kristu fuq żiemel abjad li nsibu f'19:11-16 (ara J.P. Heil, 1993). Dan iż-żiemel huwa l-Kelma mxerrda fid-dinja bil-qawwa tal-Ispitru s-Santu (ara Mattew 24:14). Iż-żiemel abjad huwa l-Ġisem ta' Kristu u huwa l-ġisem immakulat tal-Madonna. It-tieni żiemel aħmar huwa l-paganiżmu u l-kavallier tiegħu hu l-imperatur Ruman u huwa marbut ukoll mal-martri li xerrdu demmhom fil-persekuzzjonijiet mill-paganiżmu. It-tielet żiemel l-iswed huwa l-ereżija, il-persekuturi tal-knisja u l-kavallier tiegħu huwa x-xitan. Ir-raba' żiemel aħdar pallidu ('chloros') huwa l-Profeta falz fejn il-kavallier tiegħu hija l-mewt (ara 21:4: 'ho thanatos ouk estai eti oute').

Imbagħad għandna s-seba' siġilli miftuħa mill-Ħaruf li hu Kristu. Skond Theodulf dawn is-seba' siġilli jirrappreżentaw seba' episodju mill-ħajja ta' Kristu. Waqt li Giacomo di Fiore (1130-1202) jikteb li l-ewwel siġill juri l-knisja primittiva (33-70 A.D.); it-tieni siġill juri s-snin minn 70 sa 312 A.D.; it-tielet siġill juri l-knisja tikkumbatti l-ereżiji minn 312 sa 589 A.D.; ir-raba' siġill naraw il-perjodu tal-knisja mas-saraċeni u l-qerda tal-ikoni minn 587 A.D. sa 754 A.D.; il-ħames siġill naraw il-perjodu minn 754 sa 1314 A.D.; is-sitt siġill huwa żmien l-apostasija minn 1314 sa 1481; u s-seba' siġill hu ż-żmiem ta' Luteru u Kalvinu (minn 1483 sa 1564).

F'6:9-11 naraw il-ftuħ tal-ħames siġilli u fil-vers 12 naraw il-ftuħ tas-sitt siġill fejn naraw l-iskonvolġiment kbir kożmiku. F'7:1-3 naraw l-erba' anġli li jżommu u jħarsu lid-dinja kollha u li għandhom awtorità fuq l-erba' irjieħat tad-dinja (ara Salm 104:4 u Danjel 7:2). Is-seba' trombi huma minfuħa mill-anġli (8:6-11:9). Hawnhekk għandna riferiment għall-festa tal-qamar ġdid mill-ewwel xahar ta' Nisan sas-seba' xahar ta' Tishri.

Fil-kapitlu 9 għandna l-ħames u sitt tromba (ara Eżekjel 38 u 39). Fil-bidu jissemmew il-ġurati (l-għedewwa tal-Knisja, riferiment għal dak li jeqred – ix-xitan) li jattakkaw lid-dinja (ara Ġoel 1:6-12 u Ġwanni 10:10). Fil-kapitlu 10:8-10, wara s-sitt daqq tat-tromba ('shofar', 'hos salpingos', il-qarn il-kbir) naraw lill-anġlu l-kbir (jew b'saħħtu - 'angelos ischuros', ara 5:2 u 18:21) li jinżel mis-sema ('katabainonta ek tou ouranou', 'kata' – down, ara Ġwanni 6:38) u jagħti lil Ġwanni r-romblu ('biblaridion', 'little booklet', hija hapax) sabiex jieklu (ara ukoll Eżekjel 2:8-3:3).   Fil-bidu tal-kapitlu ħdax (11:2) għandna l-qisien tat-Tempju. Fil-kapitlu 11 tissemma ukoll il-Bhima ('therion', ara Danjel 7:1-28, liema terminu nsibuh 38 darba fl-Apokalissi), u  l-erba' imperi: Babilonja, il-Medi u l-Partin, il-Persja u l-Greċja. Dwar il-bhima, Swete jikteb: "The apocalypse refers in terms which are necessarily obscure to Nero and Domitian as successive embodiments of the Beast; the Beast itself is properly the hostile World power which was identified with the Roman Empire and personified in the first two persecuting emperors".

Fil-kapitlu 12 sa 14 naraw ir-rebħa ta' Kristu fuq Satana ('Satanas', 8 darbiet fl-Apokalissi)  u fuq kollox

is-seba' sinjali. Id-dragun ('drakon') jissemma 8 darbiet fil-kapitlu 12: "great red dragon with seven heads and ten horns and seven diadems on his head" (NRSV). B'kollox id-dragun jissemma 38 darba fl-Apokalissi. Is-serp hawnhekk ukoll jissemma 3 darbiet. Huwa Satana li jidher fis-sema f'12:3-4 u jidher f'oppożizzjoni mal-mara f'12:1 ('he ghune', li nsibuha 19-il darba, il-mara bħala omm f'kapitlu 12 u l-mara bħala għarusa f'19:7 u 21:9). Id-Dragun għandu sebat irjus, għaxart iqrun, u għandu seba' dijademi fuq kull ras, (ara ukoll Danjel 8:10). Il-kapitlu 13 isemmi ż-żewġ monstri (ebrajk: 'taninim') katastrofiċi mill-ktieb ta' Ġob, 'Leviathan u Behemoth'. F'13:1-4 jissemma għalhekk il-mostru tal-baħar li huwa Leviathan. Il-monstru tal-art huwa Behemoth. Hawnhekk mill-kapitlu 13 sal-14:6-11, it-tema tal-qima hija ċentrali ħafna, fejn il-verb grieg 'proskuneo' nsibuh 8 darbiet.

Fil-kapitlu 14 għandna l-viżjoni ('eidon', awrist tal-verb grieg 'horao') tal-144,000 segwaċi ta' Kristu u t-telfa finali ta' Babilonja ('babulon', 6 darbiet fl-Apokalissi, fil-kapitlu 16 meqruda bit-terremot (bl-ebrajk: 'racash') u fil-kapitlu 18 meqruda bin-nar, minbarra Babilonia Magna tal-Mesopotamja kien hemm ukoll Babilonia tal-Kajr fl-Eġittu). Fil-fatt il-Ħaruf u l-144,000 magħżulin fuq il-muntanja Sijon f'14:1-5, huwa ċ-ċentru minn 11:19 fejn tissemma l-arka ('kibotos', l-iktar parti sagra tat-tempju - naos) u 15:5-8 fejn tissemma t-tinda tax-xhieda jew tal-laqgħa. Hawn ukoll tissemma l-marka ('charagma', il-marka tal-imperatur, differenti minn siġill 'sphragis' f'7:3-8) tal-Bhima f'13:6 u 14:9. 14:9-11 jirrifletti t-teoloġija ta' Isaija 34:8-17, l-oraklu kontra Edom, il-kastig dejjiemi (nar, kubrit, u duħħan bla waqfien) u t-telfa tal-bhima f'Danjel 7:11-12. F'14:6 jissemma l-evanġelju etern, hawnhekk biss jinsab it-terminu tal-aħbar it-tajba. Fil-kapitlu 15:1-21, naraw is-seba' bwieqi ('phialai', bil-latin 'patera') tal-korla ta' Alla. Kristu l-Ħaruf huwa l-veru Mose' u l-Għid tal-Ħaruf huwa l-veru Eżodu.

Fil-kapitlu 16:12-16, għandna riferenza għall-wied ta' Ġeżreel qrib Nażaret fejn fih saru diversi battalji bħal 'Armageddon' (il-muntanja ta' Megiddo li kienet fit-'triq il-kbira' bejn Gaza u Damasku, post strateġiku importanti f'Israel – bl-ebrajk 'Harmaggedon', ħdejn l-għolja tal-Karmelu fil-Galilea, fejn ir-re Ġożija kien tilef u miet fis-sena 609 q.K., ara 2 Rejiet 23:29-30). Is-setta ta' Jehovah iżommu bħala imminenti l-battalja ta' Armageddon u wara ssegwi tmiem id-dinja. F'17:10-11 jissemmew is-seba' rejiet. Naraw il-figura ta' Babilonja bħala l-prostituta u simbolu tal-ħażen u l-belt tax-xitan kif isejħilha Santu Wistin (17:1-18). Fil-kapitli 17 u 18 naraw għalhekk it-telfa finali ta' Babilonja.

Fil-kapitlu 18, naraw l-anġlu jħabbar il-kundanna ta' Ġersusalemm, kundanna ta' korruzzjoni u idolatrija 'eidolothytos' (18:1-3), il-gwerra li ssir fis-sema (18:18) u t-telfa tal-waqgħa ta' Ruma (Babilonja, il-prostituta fil-kapitlu 17 u Babilonja l-belt il-kbira 'he polis he megale') u r-Reġina fil-kapitlu 18, (ara ukoll 4 Eżra 3:1-50) u l-biki fuq din it-telfa (18:9-24).

Fil-bidu tal-kapitlu 19 (19:1-10) naraw ir-rebħa fis-sema u l-istedina għat-tieġ tal-ħaruf. F'19:1-8 għandna d-dossoloġija tal-Hallelujah. Hawnhekk għandna l-komunita' tas-sema, il-folla kbira li tgħid darbtejn 'Hallelujah' (19:1 u 3), l-24 xiħ ('presbyteroi'), li jirrappreżentaw l-24 klassi ta' saċerdoti kanturi, salmisti, (ara 1 Kronaki 1:25), imma ukoll huwa n-numru tad-dekalogu għal darbtejn u bl-4 evanġelji, jew it-12-il appostlu u t-12-il patrjijarki), l-erba' kreaturi ħajjin u t-tron divin (b'rabta mal-mistiċiżmu lhudi tal-'merkabah', ara Eżekjel 1). Il-kelma 'tron' ('thronos') insibuha 62 darba fil-Ġdid Testment, fejn 47 minnhom jinsabu fl-Apokalissi li 17

minnhom jirreferu b'mod ċar għat-tron ta' Alla. Fil-fatt il-kelma tinsab f'sittax-il kapitlu minn 22 tal-ktieb tal-Apokalissi (14-il darba fil-kapitlu 4:1-11 u 5 darbiet fil-kapitlu 5). Naraw li l-prostituta ('porne', ara Isaija 57:3, Ġeremija 3:1-3 u Oseja 4:14)) ġiet ikkundannata u kulħadd jifraħ għaliex Alla ħa s-saltna u wasal it-tieġ tal-Ħaruf (19:7): "Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u l-Għarusa tiegħu ħejjiet ruħha".

Fil-kapitlu 19 bħala naraw il-Ħaruf bħala l-Kavallier fuq iż-żiemel l-abjad u bħala s-Sultan (37 darba fl-Apokalissi) tas-slaten (19:11-16). Il-libsa tiegħu hija mgħaddsa fid-demm (19:3, 'kai peribeblemenos himation bebammenon haimati') li talludi għal Isaija 63:1-13. Id-demm huwa tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu li qam fit-tielet jum. Il-ktieb isemmi ukoll 'il-Kelma ta' Alla' f'19:13. F'19:17-18 għandna riferenza għall-battalja ta' Gog u Magog (l-armata, in-nazzjonijiet tad-dinja) f'Eżekjel 38 u 39.

Fil-bidu tal-kapitlu 20 naraw li x-xitan ('diabolos', 5 darbiet fl-Apokalissi) jiġi maqbud (20:1-3, l-istess bħal Asael f'1 Enok 10:4-6 u Shemihaza f'1 Enok 10:12-13), ir-renju ta' elf sena tal-Messija (20:1-6) u d-distruzzjoni ta' Satana (20:7-10, għandu rabta ma' 1 Enok 10:12-13) u l-ġudizzju finali, it-tieni mewt u l-għadira tan-nar (tinsab 6 darbiet fl-Apokalissi) u fuq kollox għalhekk ir-rebħa ta' Ġesu' Kristu fuq id-dragun (20:11-15). Hawnhekk Tertulljanu f''Contra Marcione' fir-renju ta' elf sena jara era eskatoloġika 'politeuma' fejn jgħid 'hanc et Ezechiel novit, et apostolus Iohannes vidit', 'Ezekiel knew it, and the apostle John saw it'. Il-kapitli 21 u 22 jitkellmu minn smewwiet ġodda u dinja ġdida u Ġerusalemm ġdida u huwa fuq kollox marbut ma' ħolqien ġdid (ara Apok 22:2 u Ġenesi 2:9-10).

Fil-kapitlu 21 naraw il-belt qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida li tinżel mis-sema minn Alla ('apo tou Theou') u li hija l-belt eskatoloġika (ara Isaija 45:8; 52:1 u 61:10). Il-baħar u dak kollu huwa negattiv jisparixxi, il-baħar isir trasparenti u tal-ħġieġ fl-era l-ġdida. Il-ktieb jagħlaq b'epilogu liturġiku f'22:6-21. Fl-Apokalissi jissemmew it-tribujiet kollha ta' Israel minbarra dak ta' Dan u dan għaliex dan it-tribù kien daħħal l-idolatrija (ir-re Geroboam daħħal l-għoġiela tad-deheb f'Dan)'Ġ. waqt li Ġerusalemm hi l-għarusa ('numphen') ta' Kristu l-għarus ('andri autes' jew 'numphio'), fejn naraw ukoll l-ikla ('deipnon') eskatoloġika (21:9-22:5). Xi kodiċijiet jinkludi l-'amen' finali fl-aħħar tal-ktieb.

Nistgħu għalhekk nispjegaw il-kontenut tal-ktieb permezz ta' dan il-paragrafu qasir imma li jiġbor kollox: "Cristo risorto appare a Giovanni sull'isola di Patmos e gli affida dei messaggi da inviare alle sette chiese in Asia. Giovanni e' poi rapito nella sala del regno celeste dove contempla Cristo aprire il libro sigillato. Il settimo sigillo, invece di segnalare la fine, si apre su sette scene aperte ciascuna da uno squillo di tromba; anche qui l'ultima tromba non segna la fine ma segna una successione di sette coppe dell'ira di Dio. Giovanni contempla le piaghe e i disastri che provengono dai sigilli, dalle trombe e dalle coppe culminanti nella distruzione di Babilonia. Poi si presenta la visione del trionfo finale di Dio con il ritorno di Cristo: i morti risorgono, si celebra il guidizio finale e s'instaura la nuova Gerusalemme, capitale della creazione redenta".

## Bibliografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Backhaus, K., "Inspiration and Truth in the Book of Revelation. An exegetical comment on the Pontifical Biblical Commission's

document "Ispirazione e verita' della Sacra Scrittura" (2014)", in *The Biblical Annals* 8 (2018) 71-91.

Barr, D.L., *Reading the book of Revelation: a resource for students*, SBL 44, Atlanta (GA) 2003.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Bosetti E. – Colacrai A., *Apokalypsis. Percorsi nell'Apocalisse di Giovanni*, Assisi 2005.

Breu, C., "Female Seed as a metaphor: Queer Kinship in Revelation 12, Ancient Medical and Literary Texts and the Septuagint", in *Journal for the Study of the New Testament* (2022) 1-28.

Camerling, Y.F. et als., "A Hermeneutical study on the symbolic meaning of the number 144,000 in Revelation 7:1-7", in *Jurnal Jaffray* 19 (2021) 86-111.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Cotro, H.A., "Could the author of Revelation step forward, please?", in *DavarLogos* 14 (2015) 71-89.

Cotro, H.A., "A tale of two cities: Rome and Babylon in Revelation", in *DavarLogos* 21 (2022) 37-68.

Dalrymple, R., *Revelation and the two witnesses: The implications for understanding John's depiction of the people of God and his hortatory intent*, Eugene (OR) 2011.

Davies, J., "Reading the Apocalypse with Christopher Nolan: Story and Narrative, Time and Space", in *Journal for Interdisciplinary Biblical Studies* 4 (2022) 42-56.

Doglio, C., *Apocalisse di Giovanni*, Padova 2005.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Gonzalez, E., "The 'Destroyers of the Earth' in Revelation 11:8 – Who are they?", in *Davar Logos* 14 (2015) 91-107.

Gorman, M.J., *Reading Revelation responsably: Uncivil worship and witness: Following the Lamb into the New Creation*, Eugene (OR) 2011.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function,* Piscataway (NJ) 2009.

Guthrie, D., *The Relevance of John's Apocalypse*, Grand Rapids (MI) 2012.

Jordaan, G.J.C., "Cosmology in the Book of Revelation", in *die Skruflig/Luce Verbi* 47 (2013) 1-8.

Koester, C.R., *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary*, New Haven 2014.

Manunza, C., *L'Apocalisse come 'actio liturgica' cristiana. Studio esegetico.* AnBib 199, Roma 2012.

Miller, R.B., "Dragon myths and biblical theology", in *Theological Studies* 80 (2019) 37-56.

Newall, M., "The Roman Arena overturned: Revelation 14:9-11 as God's wrath in history", in *The Expository Times* (2022) 1-11.

O'Hear, N. – O'Hear, A., *Picturing the Apocalypse: The Book of Revelation in the Arts over Two Millenia*, Oxford 2015.

Oladosu, O.T., - Alu, C.O., "The use of Old Testament in the Book of Revelation", in *American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Palmer, J.T., *The Apocalypse in the Early Middle Ages*, New York 2014.

Paul, I., *Revelation*, Tyndale New Testament Commentary, London 2018.

Peerbolte, B.J.L., "The Book of Revelation: Plagues as part of the Eschatological Human Condition", in *Journal for the Study of the New Testament* 44 (2021) 75-92.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa", in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Pruszinski, G.R., "The Cognitive Phenomenology of Doors in the Book of Revelation: A Spatial analysis", in *Religions* 10 (2019) 1-14.

Punt, J., "An Apocalyptic Womb? The Great Harlot of Revelation 17-18", in *The African Journal of Gender and Religion* 26 (2020) 41-62.

Razafiarivony, D., "Is the Woman of Revelation 17 the same of Revelation 12?", in *The American Journal of Biblical Theology* 17 (2016) 1-10.

Rosell, S., "John's Apocalypse: Dynamic word-images for a new world", in *Theological Studies* 67 (2011) 1-5.

Rozek, K.B., "The Eschatological enemies of the Church: A biblical exposition of Revelation 9:1-11 and an examination of interpretations of the locusts from the abyss", in *Diligence: Journal of the Liberty University Online Religion Capstone in Research and Scholarship* 5 (2020) 1-22.

Ruiz-Ortiz, F.J., " "Battle is over, raise we the cry of victory". Study of Revelation 19:11-21", in *Isidorianum* 29 (2020) 37-60.

Simoens, Y., *Homme et Femme, de la Genese a' l'Apocalypse. Textes – Interpretations*, Paris 2014.

Sippert, S., "Introduction to the Book of Revelation", in *Journal of Theology* 54 (2014).

Streett, M.L., *Here come the Judge: Violent pacifism in the Book of Revelation*, London 2012.

Tipvarakankoon, W., *The Theme of deception in the Book of Revelation: Bringing early christian and contemporary Thai Culture into Dialogue*, Claremont 2017.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali,* Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Van Rensburg, H.J., "The revelations of Revelation: The book that fits, even when it does not", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 77 (2021) 1-12.

Warren, M.J.C., "The cup of God's wrath: Libation and early christian meal practice in Revelation", in *Religions* 9 (2018) 1-13.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.



# IR-RGĦAJJA SKONT IL-PROFETA EŻEKJEL

*Mons Lawrenz Sciberras*

Is-suġġett dwar ir-rgħajja huwa wieħed mis-suġġetti kbar, qawwija u ta' importanza kbira għal Eżekjel. U billi r-ragħaj għan-nies ta' l-Orjent jilgħab parti l-aktar kbira u indispensabbli, allura tagħlim dwar dan is-suġġett diġà tkellem dwaru wkoll Ġeremija (23,1-8). Imbagħad mijiet ta' snin wara irrefera għalih ukoll Ġesu fil-Vanġelu ta' San Ġwann kap 10. Anzi Ġesù jgħid li huwa r-ragħaj it-tajjeb.

Għalhekk il-profeta ta' l-eżilju mill-mod ta' kif iwassal it-tagħlim dwar il-persuna u x-xogħol partikulari tar-ragħaj jixħet dawl dwar il-ħidma tant għolja u meħtieġa tar-ragħaj dejjem f'relazzjoni mal-merħla tiegħu. U dan għaliex minn dak kollu li toffri l-merħla, ħalib, ġobon,laħam, suf, ġilda u anke id-demel tiddependi l-għajxien tar-ragħaj u tal-familja kollha tiegħu flimkien mad-demel għall-għelieqi tiegħu.

## Ragħaj u ragħaj

Il-profeta Eżekjel b'ton aħrax tasew u b'rabja qawwija iwassal kliemu lejn dawk il-kwalità ta' rgħajja li ma jagħtux kas, anzi japprofittaw mill-merħla. Dan huwa tassew waqt ta' disprezz. Il-merħla suppost hemm min jieħu ħsiebha u f'każ ta' bżonn jiddefendiha,



u minn dawn ma issib xejn! Ħasra tassew. Rgħajja li jġibu biss isem.

Imma il-profeta jidħol aktar fid-dettal u jkun dirett billi jsemmi eżempji li jara jseħħu ta' sikwit jekk mhux ukoll ta' kuljum. Dan huwa n-nuqqas ta' responsabbiltà min-naħa tar-rgħajja. U hawn toħroġ fid-dieher in-nuqqas serju ta' responsabbiltà tar-rgħajja. Biss qabel ma jibda jsemmi xi eżempji, Eżekjel bħala introduzzjoni jikteb l-espressjoni "ħażin għalihom". (Eżek 34,2). Biblikament il-kelma ħażin, kważi kważi qed titkellem minn saħta, minn meskinità, minn sitwazzjoni tassew tal-biki.

U min huma qatt dawn li għalihom qed jirreferi Eżekjel? Dawn huma talin ġejjin minn ħdan il-poplu ta' Alla. Mela talin li għandhom it-Toraħ, li suppost iħarsu b'imħabba kbira jum is-Sibt; talin li għandhom it-twissijiet tal-profeti, kif ukoll li jiċċelebraw b'għożża kbira it-tliet festi kbar tal-pellegrinaġġi, mela l-Għid, il-festa tal-Ġimgħat, u dik tal-Għerejjex. Naturalment dan huwa s-sens spiritwali tar-rgħajja. Mela il-kastig ikun aktar qawwi u dirett. Eżekjel jixħet il-piż kollu ta' kull ma ġara fuq dawn il-psewdo kapijiet.

## Nuqqasijiet gravi

Il-profeta jinżel ħafna fid-dettal u l-akkużi tiegħu ma humiex sempliċement formali daqskemm reali. L-ewwel ħtieġa serja tal-profeta huwa l-fatt tal-egoiżmu sfrenat li biha huma imdawrin dawn ir-rgħajja ta' l-isem. Minflok ma jirgħu l-merħla, u jieħdu ħsiebha, dawn ħsiebhom biss fihom infushom. Jagħlqu għajnejhom u qalbhom għal-ħtiġijiet tal-merħla li huma responsabbli minnha.

Il-kliem figurattiv biex hekk in-nies dejjem jifhmu u jaqbdu aktar l-messaġġ tal-profeta għadu wieħed attwali ħafna. Il-profeta jagħmel riferenza għall-ħalib li jixorbu, għall-ħwejjeġ minsuġin mill-ifjen suf tan-nghaġ, jieklu l-aħjar laħam tari u bnin, u dan kollu mingħajr ma jirgħu u jieħdu ħsieb il-merħla. Tassew ebda sinjal ta' responsabbiltà.

Imbagħad dejjem biex ikompli juri kemm dawn ir-rgħajja mhux ta' min jafdahom għaliex ma għndhom ebda sens ta' għaqal, Eżekjel isemmi

lista ta' mard fost il-merħla, mingħajr l-iċken każ tar-rgħajja. Dawn huma dawk dgħajfa, dawk morda, dawk midruba, dawk li tbiegħdu għaliex forsi ħarbu, dwk li għotru jew zopop, kif ukoll dawk li ntilfu. Wara dan is-sitwazzjoni tkompli tiħrax anzi tiggrava, meta il-profeta jirrimarka li "mexxejtuhom b'saħħa u qalb iebsa" (Eżek 34,4). Dan il-kliem juri kemm dak li ħabbar dwaru Eżekjel huwa kollu verità.

## Effett ta' min hu responsabbli

Jekk min ikun responsabbli ta' xi ħaġa dan ma jerfaħhiex bil-għaqal, u bil-galbu u b'responsabbiltà kollha, l-effetti jistgħu jkunu diżastrużi tassew. Din hija xi ħaġa li wieħed iħabbat wiċċu magħha ta' sikwit. Issa fil-każ speċifiku tagħna u li għalih qed jirreferi direttament Eżekjel huma r-rgħajja: Dan huwa nom metaforiku, għaliex fir-realtà, r-rgħajja tal-merħla ta' Israel kienu s-slaten, u għalikom kien qed jirreferi Eżekjel.

U x'kien ir-riżultat tan-negliġenza grassa ta' dawn ir-rgħajja? Diżastru totali, ħerba irreparabbli, mewt l-aktar krudila. Il-profeta jasal biex jispeċifika li dawn l-imsejkna ngħaġ dejjem għaliex ma kellhomx ragħaj moħħu hemm, "saru l-ikel ta' kull bhima selvaġġa u xterdu" (Eżek 34,5). Riżultat tassew xokkanti, għaliex wieħed moħħu mistrieħ li għandu l-merħla, mela hemm persentaġġ ta' għajxien fi sgur, u issa minħabba t-telqa u n-negliġenza tar-rgħajja dan kollu sfaxxa u għosfor. "U ma hemm ħadd min jistaqsi għaliha, ma hemm ħadd min jfittixha" (Eżek 34,6). Forsi aktar huma xrik milli rghajja.

Iżda n-negliġenza qawwija tar-rgħajja msaħħa ma' l-egoiżmu sfrenat tagħhom ma jistax ikun li jibqa' għaddej, min hu responsabbli għandu jwieġeb għal għemilu. Dawn ir-rgħajja tilfu kull fiduċja ta' min qabbadhom u fdalhom f'idejhom il-ħarsien tal-merħla. "Arawni ġej għar-rgħajja, neħdilhom minn taħt idejhom in-nagħaġ tagħhom u ma nħallihomx jirgħu iżjed il-merħla". Sa hawn waslet ix-xorti ta' dawn in-nies irresponsabbli u bla ebda interess fil-merħla! Tilfu darba għal dejjem kull fiduċja u rispett minn min fdalhom dak ix-xogħol partikulari daqskemm ta' ħtieġa.

## Ix-xena tinqaleb

Il-profeta Eżekjel issa jressaq ir-rimedju għad-diżastru li sabet fih il-merħla. U dan ir-rimedju se jkun tassew wieħed effikaċi u ta' fejda. Dan għaliex issa se jkun Alla nnifsu li bagħat lil Ibnu biex isalva l-merħla tiegħu. Huwa se jidħol direttament fix-xena. Ara Santu Wistin kif ifisser din is-sitwqazzjoni. Jien nibqa' nsejjaħ lura lin-nagħġa li titbiegħed, nibqa' nfittex in-nagħġa mitlufa. Dan nibqa' nagħmlu sew jekk lilek jogħġbok u sew jekk ma jogħġbokx. Ukoll jekk jien u nfittex nitqatta' mill-għollieq ta' l-imsaġar nibqa' nitkaxkar ma' kull mogħdija dejqa, ġo kull ħajt tal-ħaxix ngħarrex, dan jien ma nieqafx nagħmlu.

Dan il-kliem ta' Santu Wistin jimla bil-qalb u bil-kuraġġ lil dawk kollha li jafdaw fil-kelma tiegħu. Id-duttur tal-Knisja qed jgħallem u japprova kliem il-profeta meta qal: "Arawni, hekk jien se nfittex in-nagħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom" (Eżek 34,11).

Interessanti kif il-profeta Eżekjel ma jesponix biss dan il-ħsieb personali ta' kura lill-merħla, imma jgħid kif u liema huma l-mezzi li juża. Mela issa l-kura u l-ħarsien lejn il-merħla li suppost għamlu r-rgħajja, se tgħaddi kollha fuq "Sidi l-Mulej". Għalhekk wieħed ma għandu qatt jinsa li dan huwa oraklu mibni iva fuq realtà li teżiżti, però għandu wkoll x-xeħta spiritwali.

Naturalment l-ewwel u l-aqwa azzjoni li se jagħmel Sidi l-Mulej issa għandha x'taqsam direttament mal-mergħat. Dan ifisser ħaxix abbundanti, frisk u ħelu, flimkien ukoll ma' ilma ġieri. Meta wieħed jitkellem



mill-ilma fl-Orjent, dan ifisser ħafna, għaliex ix-xita hija tassew prezzjuża! Dan jikkonfermah kemm Ġeremija profeta (23,3) kif ukoll is-salm 23: "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni, f'mergħat kollha ħdura jqegħedni: Ħdejn l-ilma fejn nistrieħ, jeħodni"

Mela l-profeta Ġeremija, Eżekjel, is-salm 23 u hawn issa sewwa li nżidu kliem Ġesù dwar ir-ragħaj (Ġw 10,1-21) qegħdin joħorġu għad-dawl l-istess ħsibijiet dwar ir-ragħaj veru u mhux dak li hu mikri.

## Serje ta' azzjonijiet pożittivi

Il-profeta Eżekjel, donnu ma jieqaf qatt jesponi bil-qawwa kollha, liema huma issa dawk l-attivitajiet sbieħ u ta' għajnuna favur il-merħla. Fil-vers 15, hemm miktubin seba' verbi wara xulxin kollha favur il-merħla: Dawn huwa (1) inserraħhom, (2) infittex, (3) inreġġa lura, (4) ninfaxxa l-ġrieħi, (5) nqawwi l-marida, (6) nħares is-smina, (7) nirgħahhom bil-ġustizzja. Dawn il-verbi qosra imma juru sew il-preokkupazzjoni vera tar-ragħaj veru lejn u mal-merħla tiegħu.

Dan it-tagħlim li jdur kollu kemm hu mal-figura tar-rgħajja, fil-vers 24 jagħlaq b'ton u ħarsa fuq ragħaj kollu hemm hu differenti: dan huwa Alla. Sejjer ikun hu li jmexxi u jirgħa l-merħla. Però fil-konkret din il-missjoni għolja u nobbli se taqa' kollha kemm hi fuq David. Dan il-mexxej mhux le se jħaddem aktar il-ħidma ta' sultan imma ta' ragħaj, wieħed ta' veru u mhux le mikri.

## Il-veru ragħaj tassew

Waħda mill-awtodefinizzjonijiet li jagħtina Ġesù fil-Vanġelu ta' San Ġwann iddur kollha kemm hi dwar ir-ragħaj: "Jiena r-ragħaj it-tajjeb" u jkompli "Jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi". Jidher sew li dan il-ħsieb hekk reali u veru Ġesù ħadu mill-profet Eżekjel. Però Ġesù bi kliem ċar ikompli jagħmel ħsieb ħafna aktar qawwi. Dan huwa dwar l-għożża għall-merħla tiegħu, liema għożża wasslitu biex verament u tassew Ġesù ta ħajtu kollha għall-merħla: "Jien ġejt biex ikollkom il-ħajja u ħajja bil-kotra. Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu" (Ġw 10,11).




# ĠRAJJIET IL-ĦAJJA FIL-ĠUDAJIŻMU

*Marcello Ghirlando*

Indawru issa l-ħarsa tagħna lejn ġrajjiet il-ħajja u kif dawn jiddawlu bit-twemmin tal-Ġudajiżmu u liema huma t-tradizzjonijiet Lhud l-aktar importanti fil-ħajja tad-dar.

## Twelid u Ċirkonċiżjoni

L-ewwel kmandament tal-Iskritturi Lhud huwa ċar fil-kuntest tal-ewwel rakkont tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha" (1: 28). Fiż-żmien bibliku n-nisa kienu jmilu biex jeħilsu (1Sam 4: 19) jew joqogħdu bilqiegħda fuq banketta apposta (Eż 1). Il-preċetti tal-Iskritturi Lhud jagħtuna ħjiel ta' x'kellu jsir għall-indafa ritwali tal-mara: jekk tiled tifel kienet tkun ritwalment imniġġsa għal sebat ijiem u għal tlieta u tletin jum ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju u tmiss oġġetti qaddisa; jekk tiled tifla kienet tkun ritwalment imniġġsa għal erbatax-il jum u l-jiem li fihom ma setgħetx tersaq lejn it-Tempju kienu jkunu ta' sitta u sittin. F'każ ta' kumplikazzjonijiet gravi fil-ħlas il-ħajja tal-mara kienet tieħu preċedenza fuq dik tat-tarbija mhux imwielda, tarbija li kienet titqies bħala kompletament umana malli tkun nofsha barra mill-ġuf.

Ta' min ifakkar li fl-antik il-qraba tat-tarbija l-ġdida kienu jużaw diversi amuleti biex ibiegħdu l-ispirti l-ħżiena minnha. Fl-Ewropa tal-Lvant, miż-Żminijiet tan-Nofs, l-omm kienet tmur fis-sinagoga biex titlob u trodd ħajr lil Alla għat-twelid tat-tarbija l-ġdida bil-barka msejħa *Gomel*, filwaqt li l-ġemgħa titlob il-barka, *Mi-Xe-Barak*, fuq l-omm u t-tarbija.

L-isem ta' tarbija tifel jingħata waqt ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni, filwaqt li l-isem ta' tarbija tifla jingħata wara li tinqara t-*Torah* l-ewwel darba wara t-twelid tagħha. L-isem Lhudi jingħaqad ma' *ben*, "bin" jew *bat*, "bint" u l-isem tal-Missier. Hija l-forma uffiċjali li tintuża fid-dokumenti Lhud u meta persuna tissejjaħ biex taqra t-*Torah*. Din hija prattika li baqgħet tintuża sal-ġurnata tal-lum, anki jekk l-individwu jingħata wkoll isem sekulari. Tradizzjonalment, waqt xi marda serja, l-isem kien jinbidel biex l-anġlu tal-mewt jitfixkel!

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq id-drawwa li l-ewwel wild ikun mifdi għax dawn kellhom ikunu ppreżentati lil Alla fit-Tempju, drawwa li tissejjaħ *Pidjon ħa-Ben*: "U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: 'Ħu l-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel, u l-bhejjem tal-Leviti minflok il-bhejjem tagħhom. Il-Leviti jkunu tiegħi: Jiena l-Mulej. U bi prezz għall-fidwa tal-mitejn u tlieta u sebgħin imwieled l-ewwel ta' wlied Israel, li jibqgħu żejda fuq l-għadd tal-Leviti, ħu ħames xwiekel għal kull ras – ix-xekel ikun ta' għoxrin uqija daqskemm jswa x-xekel tas-santwarju. Int tagħti dawn il-flus lil Aron u lil uliedu b'fidwa ta' dawk li baqgħu żejda.' U Mosè ħa l-flus tal-fidwa tal-Leviti. Mill-imweldin l-ewwel ta' wlied Israel ħa s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sittin xekel, daqskemm jiswa xekel tas-santwarju. U Mosè ħa l-flus ta' dawk li kienu mifdija lil Aron u wliedu, skont ma ordnalu l-Mulej" (Num 3: 44-51). Skont il-leġiżlazzjoni mfissra fil-*Mixnah* u fit-*Talmud* ulied il-qassisin u l-Leviti u n-neputijiet tagħhom huma eżenti mir-rit tal-fidwa. Fiż-żmien rabbiniku ssawret ċerimonja li fiha missier it-tifel, 31 jum wara t-twelid, jistqarr quddiem qassis li t-tarbija hija l-ewwel wild ta' ommu u missieru, u li hu, bħala missier, huwa obligat jifdih. Dan isir bil-ħlas ta' ħames *xekalim*. Il-missier imbagħad jgħid it-talba tal-barka biex iwettaq il-preċett tal-fidwa u jrodd ħajr lil Alla.

Skont l-Iskritturi Lhud it-tfal subien issirilhom iċ-ċirkonċiżjoni ritwali bħala sinjal tal-patt bejn Abraham u nislu: "U Alla żied jgħid lil Abraham: 'U int iżżomm il-patt tiegħi, int u nislek warajk, skont il-ġenerazzjonijiet tagħkom. Dan hu l-patt li għandkom tħarsu bejni u bejnkom, u



bejni u bejn nislek warajk għal dejjem: aħtnu kull raġel fostkom. Intom tkunu maħtuna fil-laħam ta' ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom'" (Ġen 17: 9-11).

Il-ħtin jew ċirkonċiżjoni ritwali ssir tmint ijiem wara t-twelid tat-tifel u ssir minn *Moħel*. Huwa rit li jista' jsir fix-*Xabbat*, fil-festi Lhud u anki fil-*Jom Kippur*. Iċ-ċerimonja ssir tradizzjonalment, issir fil-preżenza ta' għaxart irġiel Lhud, *minjan*. Filgħodu t-tarbija titteħed mill-parrina li tagħtih f'idejn il-parrinu, *sandak*. Is-*sandak* jieħu t-tifel fil-kamra fejn isir il-ħtin u jagħtih f'idejn l-individwu li jqiegħdu fuq is-Siġġu ta' Elija. Persuna oħra tieħu t-tarbija mis-siġġu u jqegħedha f'dirgħajn il-missier li jgħaddiha fuq l-irkupptejn tal-parrinu. Il-ħtin isir minn *moħel* u llum id-demm jinġibed bi strument apposta. It-tarbija mbagħad titqiegħed f'dirgħajn persuna oħra waqt ir-rit tal-għoti tal-isem li fih tingħad il-barka fuq tazza nbid. "Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li ħlaqt il-frott tad-dielja. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li qaddist lill-maħbub Isakk mill-ġuf u naqqaxt il-preċetti tiegħek f'laħmu, u ssiġġillajt lil nislu bis-sinjal tal-patt qaddis. Minħabba dan, o Alla l-ħaj, is-sehem u l-blata tagħna, eħles mill-qerda lill-maħbubin ta' demmna, f'ġieh il-patt li inti naqqaxt f'ġisimna. Ħa tkun imfaħħar, Mulej Alla tagħna, li wettaqt il-patt. Alla tagħna u Alla ta' missirijietna, ħares lil dan il-wild, lil missieru u ommu, u agħmel li jissejjaħ Israel... bin.... Ħa jifraħ il-missier f'nislu u l-omm tifraħ b'uliedha; bħalma hu miktub: 'Ħa jifirħu missierek u ommok, ħa tifraħ dik li wilditek'... Huwa miktub: 'Huwa ftakar fil-patt tiegħu għal dejjem, il-kelma li kkmanda għall-elf nisel; il-patt li għamel ma' Abraham, il-ħalfa li ħalef lil Isakk, u li wettaq ukoll ma' Ġakobb, ma' Israel bħala patt għal dejjem.' Huwa miktub: "U Abraħam ħaten lil ibnu Iżakk meta kellu tmint ijiem, bħalma kkmanda l-Mulej.' Roddu ħajr lill-Mulej, għaliex hu tajjeb, għaliex it-tjieba tiegħu għal dejjem. Dan iċ-ċkejken ħa jsir kbir. Bħalma daħal fil-patt, hekk jiddaħħal fl-istudju tal-Liġi, taħt it-tinda taż-żwieġ, u jimxi fit-triq tal-għemejjel tajba."

## *Bar Mitzvah*

It-*Talmud* jistqarr li l-adoloxxenza fis-subien tibda meta dawn ikollhom tlettax-il sena u jum. Hu l-waqt li fih isir Lhudi adult u jista' jitqies bħala membru ta' *minjan*. Hija l-età meta l-ġuvnott jibda josserva l-kmandamenti. Il-kelma *bar mitzvah* tfisser "bin kmandament" u b'mod ġenerali tintuża għal-Lhud li jridu josservaw il-kmandamenti.

Maż-żmien issawwar rit ta' passaġġ li ssejjaħ ukoll *Bar Mitzvah*. F'din iċ-ċerimonja t-tifel Lhudi jilbes it-*tefillin* u jaqra t-*Torah* b'mod pubbliku għall-ewwel darba. Fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant it-tifel kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fl-ewwel Tnejn jew Ħamis wara li jagħlaq tlettax-il sena. It-tifel kien jgħid il-barkiet tat-*Torah* u jkanta xi vrus mis-silta għal dik il-ġimgħa. Fl-Ewropa tal-Punent it-tifel

kien jissejjaħ biex jaqra t-*Torah* fit-talb tax-*Xabbat* filgħodu, ilissen il-barkiet tat-*Torah*, ikanta l-*maftir* u jaqra mill-Profeti. Jidher li llum din hija l-prassi. Malli t-tifel jispiċċa jaqra mit-*Torah*, il-Missier ilissen it-talba *Baruk Xe-Pataroni,* "Imbierek huwa Dak li serraħni." Ħafna drabi t-tifel ikun mistieden jagħmel diskors żgħir biex juri dak li jaf; ir-Rabbi mbagħad jgħid wkoll kelmtejn indirizzati lejn it-tifel li jkun qed jagħmel il-*Bar Mitzvah.* Ir-rit kienu jiċċelebrawh ukoll id-dar b'ikla wara t-talb tas-Sibt filgħodu, jew b'dik li kienet tissejjaħ *sewdah xelixit,* "it-tielet ikla", wara t-talb ta' wara nofsinhar. Dawn inbidlu f'barka fuq il-ħobż u l-inbid, *Kiddux,* fit-talb tas-Sibt filgħodu, u wara ikla familjari. Illum ħafna jippreferu jagħmlu festin flimkien. Interessanti ninnutaw li mill-1967 l-*Bar Mitzvah* taċ-ċittadini tal-Istat ta' Israel issir quddiem il-Ħajt tal-Punent f'Ġerusalemm.

Ir-Riformaturi tas-seklu XIX kienu ħolqu ċerimonja kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet. Iżda qatt ma kien hemm xi obbligu legali biex il-bniet jagħmlu l-*Bar Mitzvah* malli jagħlqu tnax-il sena u ġurnata. Fid-dinja tal-Ġudajiżmu Ortodoss kien Ġakobb Ettliner li ħoloq ċerimonja ekwivalenti għall-*Bar Mitzvah* għall-bniet, u li xterdet fost il-komunitajiet Lhud. Fl-istess seklu XIX din id-drawwa l-ġdida kienet approvata minn Ġużeppi Ħajjim bin Elija al-Ħakam ta' Bagdad: dan kiteb diversi regoli li kienu jinkludu ċ-ċelebrazzjoni ta' ikla, u libsa ġdida għat-tifla li kellha tagħmel il-*Bat Mitzvah* u tlissen il-barka *Xeħeħejanu,* "Dak li ħarisna". Fil-Ġudajiżmu Konservattiv kien Mordekaj Kaplan li mexxa ċ-ċerimonja tal-*Bat Mitzvah* fil-komunitajiet Lhud tal-Amerika. Fil-komunitajiet mhux Ortodossi t-tifla tiċċelebra l-*Bat Mitzvah* il-Ġimgħa filgħaxija jew is-Sibt filgħodu meta tmexxi t-talb, tkanta l-*Ħaftarah* u tagħmel kelmtejn. F'xi sinagogi taqra t-*Torah* ukoll. Fost l-Ortodossi, f'*minjan* ta' nisa, it-tifla taqra t-*Torah* u tkanta l-*Ħaftarah.* Barra l-Istati Uniti, il-bniet li jagħmlu l-*Bat Mitzvah* ma jeħdux sehem fis-servizz tas-sinagoga: huwa l-missier tat-tifla li jaqra t-*Torah* u jlissen il-barka *Baruk Xe-Petaroni*; it-tifla mbagħad tlissen it-talba *Xeħeħejanu* u r-Rabbi jagħmel kelmtejn.



## Għerusija u Żwieġ

Fil-Ġudajiżmu ż-żwieġ huwa l-pjan ta' Alla għall-bnedmin, skont ir-rakkont ta' Adam u Eva fil-Ktieb tal-Ġenesi. Il-Ġudajiżmu jqis iż-żwieġ bħala rabta qaddisa u mezz li jirrealizza l-persuna umana. Huwa meqjus bħala istituzzjoni li għandha tifsira universali, imwettqa minn awtorità divina, u mhux biss bħala kuntratt legali. L-iskop taż-żwieġ huwa li tinbena familja li tkompli s-soċjetà. Fil-bidu l-Lhud seta' jkollhom aktar minn mara waħda imma dan kiem ipprojbit minn Rabbenu

Gerxom fis-sena 1000. Minn dak iż-żmien iż-żwieġ Lhudi tqies bħala mongamiku.

Jekk inqallbu fl-Iskritturi Lhud nindunaw li, bħal f'kull soċjetà patrijarkali, iż-żwiġijiet kienu jkunu ppjanati mill-missier: ngħidu aħna naraw lil Abraham li jibgħat qaddej ifittex mara għal Iżakk filwaqt li Ġuda ħejja għaż-żwieġ tal-ewwel iben tiegħu (Ġen 24: 10-53; 38: 6). Meta l-proposta taż-żwieġ kienet tintlaqa' minn missier it-tfajla, jew minn ħuha l-kbir meta ma kienx ikun hemm il-missier, kien isir il-ftehim fuq il-ħlas, *moħar*, li kellu jsir mir-raġel. Fi żmien it-Tieni Tempju jidher li kien hemm aktar għażla: ġuvni kien jagħmel l-għażla tal-għarusa fil-15 ta' *Av* u f'Jum l-Espijazzjoni minn fost grupp ta' xebbiet li kienu joħorġu jiżfnu fl-għelieqi tad-dwieli.

Iż-żwieġ kien jitħejja bi żmien ta' għerusija. Iċ-ċerimonja taż-żwieġ kienet tniedi sebat ijiem ta' festa. Fiż-żmien talmudiku l-*moħar* żviluppa fil-*ketubah*, kitba formali taż-żwieġ li ggarantixxa protezzjoni lill-mara fil-każ li jmut żewġha jew jitlaqha permezz tad-divorzju. Huwa sewwasew f'dan iż-żmien li l-att formali taż-żwieġ ma baqax proċedura ċivili personali imma nbidel f'ċerimonja reliġjuża pubblika li għaliha kien ikun meħtieġ *minjan* u t-talb.

Fiż-żmien Bibliku u talmudiku ż-żwieġ kellu żewġ mumenti prinċipali: l-għerusija u n-*Nissujin.* L-għerusija nfisha kellha wkoll żewġ mumenti: l-impenn ta' koppja li jiżżewġu bil-ftehim fuq ix-*xiddukin* ("serħan il-moħħ"), jiġifieri l-obbligazzjonijiet finanzjarji, u ċerimonja li kienet twaqqaf relazzjoni ta' żwieġ, *għerusin,* imma indipendenti miċ-ċerimonja taż-żwieġ. F'Ġenesi 34 għandna eżempju tax-*xiddukin*, fejn jitħallas *moħar*, is-somma tal-flus imħallsa mir-raġel lill-missier dik li kellha tkun martu. It-*Talmud* jitkellem mill-ftehim li kellu jsir bejn il-ġenituri tal-għarajjes dwar l-obbligazzjonijiet finanzjarji. Dawn kienu jitniżżlu bil-miktub fuq dokument imsejjaħ *xetar pesikta*; l-ammont mogħti lill-iben kien jissejjaħ *nedunja.* Miż-Żminijiet tan-Nofs sal-lum il-ftehim qabel iż-żwieġ kien isir bil-fomm, *vort*, u permezz ta' ċerimonja, *kinjan*, li fiha l-għarajjes jintrabtu li jiżżewġu. Dan isir waqt ikla; wara ssir il-kitba, *tenajim*, li fiha jkun hemm il-ftehim u d-data u l-post fejn għandu jsir iż-żwieġ. Iċ-ċerimonja tagħlaq bl-ommijiet tal-għarajjes li jkissru platt tal-fuħħar.

Fil-Bibbja l-għerusija hija msejħa *għerusin*; fiż-żmien rabbiniku tissejjaħ *kidduxin*, kelma li turi li minn dak il-ħin it-tfajla ma setgħetx tkun ta' rġiel oħra. Skont il-*Mixnah* l-għarusa setgħet tittieħed għaż-żwieġ permezz tal-flus jew b'att miktub jew bl-att sesswali. Fl-għerusija l-għarus kien jagħti ċurkett lill-għarusa u filwaqt li jlibbisulha jistqarr: "Ara, issa inti kkonsgrata għalija b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Wara barka fuq l-inbid iċ-ċerimonja kienet tintemm. L-għarusa kienet tibqa' tgħix id-dar ta' missierha saċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim.*

Fiċ-ċelebrazzjoni tan-*nissujim* kienu jinqraw is-seba' barkiet li bihom ibierku lil Alla talli ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu u talli ta lill-bnedmin id-don li jnisslu. Fihom jintalab il-ferħ għall-miżżewġin il-ġodda. Miż-Żminijiet tan-Nofs, fost il-Lhud tal-Ewropa tal-Lvant, iċ-ċerimonja tal-għerusija bdiet issir minnufih qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Hekk bdew jagħmlu wkoll il-Lhud ta' Spanja u tat-Tramuntana tal-Afrika. Illum, huma l-*Ħasidim* biss li għadhom jiċċelebraw iċ-ċerimonja tat-*tenajim.*

Hemm diversi tradizzjonijiet marbutin mal-festa tat-tieġ. Lejlet it-tieġ l-għarusa tinħasel fil-banju ritwali, *mikveh;* id-data tat-tieġ tkun magħżula b'tali mod li ma tinzertax fil-ġranet taċ-ċiklu tagħha jew il-ġimgħa ta' wara. F'xi komunitajiet tal-Lvant din



kienet tkun ċelebrazzjoni pubblika. L-għarus kien ikun mistieden jaqra t-*Torah* fix-*Xabbat* ta' qabel jew ta' wara t-tieġ; kienu jixtħulu l-ħelu, bħala sinjal ta' awgurju, waqt il-qari tal-barkiet tat-*Torah.* Waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ, li miż-Żmien tan-Nofs bdiet issir fil-bitħa tas-sinagoga, l-għarajjes kienu jimxu u joqogħdu taħt it-tinda taż-żwieġ, *ħuppah,* filwaqt li kienu jixtħulhom ir-ross u l-konfetti; hija ċerimonja li kienet ssir fil-ftuħ biex tfakkar fil-wegħda li Alla għamel lil Abraham: nislu kellu jkun kbir daqs il-kwiekeb tas-sema. Illum, din iċ-ċerimonja, ħafna jagħmluha f'sala tat-tiġijiet.

Fost l-Ortodossi t-tieġ isir bil-kitba taż-żwieġ: l-għarus jiffirma l-*ketubah* u jekk it-tieġ isir wara nofsinhar, isir fil-mument tat-talb u l-għarus, li jkun sajjem, ilissen l-istqarrija tal-*Jom Kippur;* jittieħed lejn l-għarusa u jgħattilha wiċċha b'velu; jimxu flimkien mal-ġenituri tagħhom lejn *il-ħuppah* u min jimxi magħhom jakkumpanjahom bix-xemgħat. Taħt it-tinda r-rabbi jgħid il-barka fuq l-inbid u l-barka magħrufa bħala *għerusin;* wara li l-għarajjes jixorbu mill-inbid, l-għarus, filwaqt li jdaħħal iċ-ċurkett fis-seba' tal-għarusa, jistqarr: "Ara inti kkonsagrata lili b'dan iċ-ċurkett skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel." Jitlissnu s-seba' barkiet fuq it-tieni tazza tal-inbid u ċ-ċerimonja tagħlaq billi l-għarus jirfes fuq tazza u jkissirha. Imbagħad l-għarajjes jittieħdu f'kamra privata, għalihom waħedhom, *jiħud.* Wara l-ikla tat-tieġ tingħad it-Talba ta' Wara l-Ikel u jinqraw is-seba' barkiet għal darb'oħra.

Il-Kitba taż-Żwieġ ġeneralment tieħu din il-forma u tinqara waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ: "Fil-jum (fl-ewwel jum) tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar..., fis-sena ħamest elef, sitt mija u... mill-ħolqien tad-dinja, iż-żmien li fih ngħoddu hawnhekk f'din il-belt (il-belt, stat u pajjiż), kif... (isem l-għarus), bin...(isem tal-missier), bil-kunjom..., qal lil din ix-xebba...(isem l-għarusa), bint...(isem il-missier), bil-kunjom...: 'Ħa tkun marti skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel, u jiena ngħożżok u nirrispettak, nweġġħek u nżommok skont id-drawwa tal-irġiel

Lhud li jgħożżu, jirrispettaw, iweġġħu u jżommu lill-mara tagħhom skont il-verità. Hawnhekk jiena nagħmel il-ftehim tax-xebbiet, mitejn *żużim* tal-fidda, li huma tiegħek, skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel; u jiena nagħtik l-ikel, il-ħwejjeġ u dak kollu li huwa meħtieġ, u ngħix miegħek bħala raġel u mara skont id-drawwa universali.' U ...(isem l-għarusa) din ix-xebba tat il-kunsens tagħha u saret martu. Il-libsa tat-tieġ li ġiebet minn dar missierha, il-fidda, id-deheb, l-affarijiet ta' valur, ħwejjeġ, għamara tad-dar u lożor, dan kollu...(isem l-għarus), l-għarus imsemmi aċċetta bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda, u ...(isem l-għarus), aċċetta li jżid dan l-ammont mill-proprjetà tiegħu bis-somma ta' mitt biċċa tal-fidda. Hekk qal ...(isem l-għarus) l-għarus: 'Ir-responsabbiltà ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, ta' din il-libsa tat-tieġ, u ta' din is-somma miżjuda, neħodha fuqi u l-werrieta tiegħi warajja, biex ikunu mħallsa mill-aħjar parti tas-sehem li għandi issa jew li għad irrid nikseb taħt is-sema. Il-proprjetà kollha tiegħi, dik vera u personali, anki l-mantell fuq spallejja, ikunu kapparra biex iħallsu dan il-kuntratt taż-żwieġ, il-libsa tat-tieġ, u dak kollu li żdied, f'ħajti u wara mewti, mil-lum u għal dejjem.' ...(isem l-għarus), l-għarus, refa' fuq spallejh il-piż ta' dan il-kuntratt taż-żwieġ, tal-libsa tat-tieġ u dak kollu li kien miżjud, skont l-użu restrittiv tal-kuntratti kollha taż-żwieġ u ż-żjidiet magħmula għall-ulied bniet ta' Israel, u skont kif riedu l-għorrief tagħna, li huma ta' tifkira hienja. Dan ma għandux jitqies bħala ftehim bla ħsieb u lanqas bħala formula ta' dokument. Segwejna l-formalità legali tal-ftehim bejn ...(isem l-għarus), bin..., l-għarus, u ...(isem l-għarusa), bint ..., din ix-xebba, u għal dan l-iskop ilbisna lbies li huwa legalment xieraq, u biex insaħħu dan kollu li stqarrejna."

Fost l-Ortodossi jitħarsu l-liġijiet tal-indafa ritwali, *niddah*. Ir-relazzjonijiet sesswali bejn il-miżżewġin isiru meta l-mara tkun nadifa ritwalment. Waqt iċ-ċiklu tagħha, u anki ġimgħa wara, il-mara ma tistax tersaq lejn żewġha. Wara dal-jiem hija tmur il-banju ritwali u tinħasel kompletament u tista' terġa' tibda jkollha x'taqsam ma' żewġha.

L-impedimenti għaż-żwieġ fil-Ġudajiżmu huma jew ta' natura temporanja jew permanenti. Xi żwiġijiet huma pprojbiti b'mod temporanju, ngħidu aħna: armla jew mara ddivorzjata ma tistax tiżżeweġ qabel ma jgħaddu disgħin jum mill-mewt tar-raġel jew mill-kitba, *get*, tad-divorzju; persuna ma tistax tiżżewweġ fit-tletin jum tal-luttu; armel irid jistenna li jgħaddu tliet festi qabel ma jerġa' jiżżewweġ, sakemm ma jkollux tfal jew għandu tfal żgħar li jeħtieġu l-kura ta' omm; wieħed ma jistax jiżżewweġ mara tqila, jew mara li qed tredda', sakemm ma jgħaddux 24 xahar; mara ma tistax tiżżewweġ għat-tielet darba jekk iż-żewġt irġiel li kellha mietu b'xi inċident; mara miżżewġa ma tistax terġa' tiżżewweġ raġel ieħor sakemm ma ġġibx il-kitba tad-divorzju.

L-impedimenti permanenti għaż-żwieġ huma indikati fl-Iskritturi Lhud, fil-kapitli 18 u 29 tal-Ktieb tal-Levitiku. Hemm il-projbizzjoni li jsir iż-żwieġ mal-qraba, komuni għall-maġġoranza tas-soċjetajiet; raġel ma jistax jiżżewweġ l-ewwel mara tiegħu li tkun reġgħet iżżewġet u ddivorzjat jew saret armla; mara li tkun għamlet l-adulterju hija pprojbita kemm lil żewġha u kemm lir-raġel li jkun għamel l-adulterju magħha. Jekk hija mara li kienet stuprata ma tistax tiżżewweġ qassis, *Koħen;* mara ma tistax tiżżewweġ ir-raġel li jkun irrappreżentaha fil-każ tad-divorzju tagħha jew kien xhud tal-mewt ta' żewġha; qassis ma jistax jiżżewweġ armla, mara ddivorzjata jew prostituta; bin jew bint relazzjoni illeġittima jew ta' inċest, *mamżer*, irid biss jiżżewweġ ma' *mamżer* jew persuna kkonvertita għall-Ġudajiżmu; fit-teorija

ż-żwiġijiet imħallta huma pprojbiti.

## Divorzju

L-Iskritturi Lhud jitkellmu wkoll fuq il-proċeduri tad-divorzju: "Jekk raġel jieħu mara u jiżżewwiġha, u mbagħad ma tkunx togħġbu għax ikun sab fiha xi ħaġa mhix xierqa, jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha, u jibgħatha 'l barra minn daru" (Dewt 24: 1). Mela huwa r-raġel li għandu s-setgħa jiddivorzja u dan jagħmlu b'att legali miktub. Ir-Rabbini ddiskutew fit-tul ir-raġunijiet li għalihom raġel seta' jibgħat lil martu: l-Iskola ta' Xammaj interpretaw "il-ħaġa mhix xierqa" fl-isfera sesswali u l-Iskola ta' Ħillel interpretaw din il-kelma b'mod aktar wiesgħa.

Id-divorzju ma kienx permess meta raġel kien jakkuża lil martu li ma kinitx verġni fil-mument taż-żwieġ u dan kien ikun ippruvat li mhux veru (ara: Dewt 22: 13-19), jew jekk stupra xebba li wara jkun ħadha b'martu (Dewt 22: 28-29). Diġà rajna kif raġel ma setax jerġa' jiżżewweġ mara li kien iddivorzja u li kienet reġgħet iżżewġet u saret armla jew iddivorzjata mill-ġdid (Dewt 24: 2-4); qassis ma setax jiżżewweġ mara ddivorzjata (Lev 21: 7).

Fiż-żmien Talmudiku l-leġislazzjoni dwar id-divorzju żviluppat: il-qorti setgħet iġġiegħel lir-raġel jibgħat lil martu jekk din ma tkunx nisslet għal għaxar snin, jekk ma jkunx jew ma setax imantniha, jekk kellu xi marda kerha jew anki jekk kien jirrifjutalha d-drittijiet konjugali tagħha.

Il-kitba tad-divorzju, *get*, kellha tinkiteb bl-Aramajk minn skriba skont formula mibnija fuq il-liġi fil-*Mixnah:* malli kienet tingħata lill-mara, kienet tittieħed mir-rabbi li kien jaqtagħha b'tali mod li ma setgħetx tintuża għat-tieni darba; b'serje ta' mistoqsijiet ir-rabbi jaċċerta ruħu li dan kollu jsir bil-libertà kollha tal-partijiet konċernati. F'dan il-mument, quddiem żewġ xhieda, ir-raġel jagħti lil martu l-*petor*, dokument li jikkonferma li hu ddivorzjat u seta' jerġa' jiżżewweġ. Il-mara setgħet tiżżewweġ wara disgħin jum biex ikun ċert li ma kinitx tqila mill-eks aġel tagħha.

Interessanti kif skont il-proċedura tradizzjonali jsir dak li hemm miktub fl-Iskritturi: "Jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f'idha." Ir-rabbi jitlob lill-mara tneħħi l-ġojjelli minn idejha, biex b'idejn miftuħa tilqa' l-kitba tad-divorzju. L-iskriba jgħaddi l-*get* lir-rabbi, li jgħaddiha lir-raġel li jżommha b'idejh it-tnejn u jqegħedha fil-pali tal-idejn ta' martu, filwaqt li jistqarr: "Din hija l-*get* tiegħek li permezz tagħha inti ddivorzjata minn issa biex tkun tista' ssir il-mara ta' raġel ieħor." Il-mara tagħmel ftit passi bil-*get* f'idejha, terġa' tagħtiha lura lir-rabbi, li jaqraha fil-preżenza tax-xhieda, li jridu jidentifikaw il-*get* u l-firem, u jistqarr: "Isimgħu intom ilkoll li qegħdin hawn u ftakru li Rabbenu Tam ħadha kontra dawk kollha li jippruvaw jinvalidaw *get* wara li jingħata." Jekk il-partijiet konċernati ma jistgħux ikunu preżenti, jistgħu jibagħtu lil xi ħadd flokhom.

Matul l-istorja saru diversi tibdiliet fil-leġislazzjoni tad-divorzju fost il-Lhud. Forsi l-aktar waħda importanti hija l-bidla li ried Rabbi Gerxom fiż-Żminijiet tan-Nofs fejn ried li d-divorzju jrid ikompli jingħata mir-raġel imma bil-kunsens tal-mara. B'hekk id-drittijiet tal-mara saru kważi l-istess bħal dawk tar-raġel. Il-liġijiet li ġew wara saħħew din il-ħaġa, tant li divorżju mingħajr il-kunsens tal-mara kien meqjus bħala null, ħlief fil-każ li l-mara taqa' fl-apostasija. Dan kien pass kbir 'il quddiem, anki jekk mhux dejjem solva l-każijiet tal-*agunot*, jiġifieri tan-nisa, li għal diversi raġunijiet, ma jingħatawx id-divorżju mill-irġiel tagħhom u li legalment ma jistgħux jerġgħu jiżżewġu. Id-diversi Movimenti fil-Ġudajiżmu ppruvaw isolvu dawn il-każijiet billi taw

aktar awtorità fil-materja lill-awtoritajiet Rabbiniċi. Ir-Riformaturi għażlu li jikkonvalidaw id-divorzju ċivili.

Il-kitba tad-divorzju ġeneralment timxi fuq dan il-kliem: "Fil-...jum tal-ġimgħa, il-jum... tax-xahar ta'..., fis-sena... mill-ħolqien tad-dinja skont il-kalendarju li jintuża hawnhekk, fil-belt ta'..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, jien..., bin..., li llum qiegħed f'din il-belt..., li hija mwaqqfa max-xmara..., u qrib l-għejun tal-ilma, nagħti l-kunsens ħieles tiegħi, mingħajr ħadd ma jġagħalni, li nħalli ħielsa, u nwarrab lilek, marti..., bint..., li llum qiegħed fil-belt ta'..., qrib l-għejun tal-ilma, li kont marti minn qabel. Għalhekk neħilsek, inwarrbek, biex ikollok il-permess u l-awtorità fuqek innifsek biex tmur tiżżewweġ lil kwalunkwe raġel li tixtieq. Ħadd ma jista' jżommok mil-lum 'il quddiem, u tista' tkun ta' kwalunkwe raġel. Din hija għalik il-kitba tad-divorzju, ittra u dokument ta' ħelsien, skont il-liġi ta' Mosè u ta' Israel."

## Mewt u Luttu

"Bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terġa' lura lejn l-art għax minnha int meħud" (Ġen 3: 19): hekk tistqarr l-Iskrittura Lhudija, li tindika li d-dfin ġeneralment kien isir fil-qabar tal-familja (ara: Ġen 47: 29-30 li turi x-xewqa ta' Ġużeppi li jindifen ma' missirijietu; Ġen 49: 29-31 li turi l-istess xewqa ta' Ġakobb). Il-kotba bikrin tal-Iskritturi Lhud jixhdu t-twemmin fix-*Xeol*, il-post fejn kienu jinżlu l-mejtin; huma biss l-aħħar kotba tal-Iskritturi li jixhdu fit-twemmin bikri fil-qawmien minn bejn l-imwiet: "U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab tal-art jistenbħu, min għall-ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija ta' dejjem" (Dan 12: 2).

Tradizzjonalment fil-Ġudajiżmu, wara li jsir kollox biex il-moribond ikun indukrat, il-bniedem jitqies mejjet malli ma jiħux aktar nifs. Il-mewt imbagħad tintlaqa' minn idejn Alla u l-moribond ikun mistieden jitlob: "Ħajti u mewti huma f'idejk Alla, Alla tiegħi u ta' missirijieti. Ħa tkun ir-rieda tiegħek li tfejjaqni bis-sħiħ. U jekk immut, ħa tkun mewti tpattija għal dnubieti, għan-nuqqasijiet u d-dgħufija tiegħi quddiemek. Ħa nitqiegħed fis-sehem tiegħi fil-Ġnien tal-Għeden, ħallini nkun dehen tad-dinja mwiegħda lill-ġusti. Isma', o Israel, il-Mulej hu Alla tagħna, il-Mulej huwa wieħed."

Fil-mewt ta' xi qarib, in-nies tal-familja huma mistiedna jgħidu t-talba *Tzidduk ħa-Din*, "Ikun imbierek l-Imħallef ġust." It-tħejjija ta' ġisem il-mejjet għad-dfin hija meqjusa bħala opra ta' karità, *ħesed xel emet:* jiġu magħluqa l-għajnejn u l-ħalq, il-ġisem jitqiegħed fuq il-qiegħa tal-art u jitgħatta b'liżar, b'xemgħa tixgħel ħdejn ir-ras. Il-mirja fid-dar tal-mejjet jitgħattew u bħala opra tajba, *mitzvah*, wieħed jista' joqgħod mal-mejjet u jitlob bis-salmi.

Ġeneralment, għall-anqas fost il-Lhud Ortodossi, id-dfin isir malajr kemm jista' jkun, basta mhux nhar ta' Sibt u fil-*Jom Kippur*, u fl-ewwel u l-aħħar jiem tal-Festi tal-Pellegrinaġġ. Il-ġisem jitħejja billi il-membri tas-soċjetajiet tad-dfin jaħsluh u jorbtuh f'liżar. L-irġiel jindifnu bit-*tallit* tagħhom. Waqt il-purċissjoni funebri r-rabbi jitlob u jkanta b'versi meħuda mill-Iskritturi; qabel id-dfin, li għalih jagħtu daqqa t'id l-irġiel preżenti, isiru kelmtejn tal-okkażjoni. Tingħad ukoll it-talba tal-*Kaddix* u kulħadd jaħsel idejh qabel ma jitilqu ċ-ċimiterju.

Hemm luttu partikulari għal kull min tilef ġenitur, jew wild jew wieħed mill-aħwa: mill-mewt tal-persuna sad-difna dawn mhumiex obbligati għall-kmandamenti pożittivi, ngħidu aħna li jitolbu, jilbsu t-*tefillin,* jgħidu t-talba wara l-ikel; kull min ikun f'luttu ma jistax jieħu sehem fl-ikliet tal-festi jew jieħu sehem f'attivitajiet ta'

divertiment; irid iqatta' biċċa minn ħwejġu, qabel jew wara d-dfin. Wara d-dfin jirritornaw id-dar tal-mejjet/mejta fejn jieklu ikla magħmula minn ħobż u bajd iebes imħejjija minn ħaddieħor. Iż-żmien tal-luttu, *xivah*, "sebgħa", itul għal sebat ijiem li fihom min jagħmel il-luttu ma jistax iqaxxar il-leħja, jinħasel, imur ix-xogħol, jistudja t-*Torah,* ikollu relazzjonijiet sesswali, jilbes żraben tal-ġild, isellem lill-oħrajn, jaqta' xagħru jew jilbes ħwejjeġ nodfa. Ix-*xivah* jieqaf jekk jaslu l-festi ta' *Rox Ħaxanah, Jom Kippur, Sukkot, Pesah* jew *Xavuot*. Huwa pprojbit li jagħmlu luttu pubbliku nhar ta' Sibt. Ix-*Xivah* jintemm filgħodu, fis-seba' jum; it-tletin jum ta' wara, *xeloxin*, "tletin", ikunu wkoll jiem ta' luttu ħafif: ikun ipprojbit li wieħed iqaxxar, jaqta' xagħru u jilbes ħwejjeġ ġodda. Il-luttu għall-ġenituri idum sena sħiħa. Kull min ikun fil-luttu huwa msejjaħ jitlob il-*kaddix* kuljum, fil-ġranet kollha tal-luttu. Hija tradizzjoni li l-anniversarji tal-imwiet tal-qraba jitfakkru bit-talba tal-*Kaddix*, l-istudju tat-*Torah,* bil-kant tal-*Ħaftarah*, u billi jinxtegħlu x-xemgħat.



# L-ISPIRAZZJONI TAL-BIBBJA

*Marcello Ghirlando*

Li kieku kellna niddeskrivu b'mod sempliċi xi tfisser l-ispirazzjoni tal-Bibbja, nistgħu ngħidu bla tlaqliq ta' xejn li fl-Iskrittura Mqaddsa għandna l-Kelma ta' Alla li tiġi miktuba fi kliem il-bnedmin. Kelmet Alla f'kitbiet il-bniedem.

Imma x'irridu nfissru meta ngħidu li l-Bibbja fiha l-kelma mnebbħa minn Alla? Jew li l-Iskrittura Mqaddsa nkitbet taħt l-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu? Ħafna minna, meta nisimgħu l-kelma 'ispirazzjoni', tista' tiġina x-xbieha ta' Alla li qed ilissen il-kliem tiegħu f'widnejn l-awtur sagru jew ta' anġlu tal-Mulej li qed jiddetta kliem divin lill-awtur sagru. Barra minn hekk, mhux l-ewwel darba li nużaw il-kelma 'ispirazzjoni' biex nitkellmu minn xi biċċa mużika jew opra ta' arti. Per eżempju nistgħu ngħidu li Beethoven kien ispirat meta kiteb il-ħames Sinfonija, jew li Michelangelo kien ispirat meta pproduċa l-istatwa tal-Pietà. Huwa veru li dawn l-artisti kellhom doni speċjali u nistgħu tabilħaqq ngħidu li kienu artisti ispirati. Imma filwaqt li dawn l-artisti użaw id-doni ta' Alla biex jipproduċu l-arti sublime tagħhom, l-ispirazzjoni ta' l-Iskrittura hija xi ħaġa għal kollox differenti. Aħna ma nqimux il-Bibbja għaliex hija opra letterarja kbira imma għaliex nemmnu li fiha hemm l-istess Kelma ta' Alla.

Fil-fatt ħafna mit-testi li nsibu fl-Iskrittura huma opri letterarji sbieħ: biżżejjed inżommu quddiem għajnejna l-poeżija profetika tal-Profeta Iżaija, poeżija li tħabbatha ma' dik ta' l-aqwa kittieba u poeti, bħalma seta' kien Shakespeare jew Dun Karm. Imma Iżaija kien ispirat b'mod li ma kenux la Shakespeare u lanqas Dun Karm. Anke jekk Iżaija kien poeta pessmu, il-profeziji tiegħu xorta kienu jkunu kelma ta' Alla. Li kieku San Luqa u San Pawl kienu kittieba li jiktbu b'żbalji grammatikali kbar, xorta waħda l-kitbiet tagħhomn huma l-kelma ta' Alla.

Allura x'differenza hemm bejn l-ispirazzjoni ta' Iżaija, Luqa u Pawlu u dik ta' l-artisti u l-poeti ta' matul l-istorja? Hija l-Bibbja nnifisha li tagħti tweġiba. Pawlu hekk jitkeb lid-dixxiplu tiegħu Timotju: "U għax sa minn żgħoritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa, li jistgħu jagħtuk l-għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, mħejji għal kull ħidma tajba" (2 Tim 3, 15 – 17). L-Iskrittura hija "mnebbħa minn Alla", ispirata mill-Ispirtu s-Santu. Hawnhekk Pawlu juża il-kelma griega 'theopneustos', kelma li tfisser 'ġejja min-nifs ta' Alla'. Meta dan il-vers ġie tradott bil-Latin, it-traduttur inqeda bil-kelma Latina 'divinus inspirata' li terġa' tagħtina s-sens ta' xi ħaġa 'ġejja min-nifs ta' Alla. Il-kelma 'ispirazzjoni' ġejja mill-kelma Latina 'inspirare'; allura meta ngħidu li l-Bibbja hija ispirata, (nużaw il-kelma 'mnebbħa' bil-malti), dan ifisser li nemmnu li l-Iskrittura Mqaddsa 'ġejja min-nifs ta' Alla', mela hija Kelma ta' Alla.

Li l-kelma mnebbħa minn Alla hija fil-fatt Kelma ta' Alla, insibuh kontinwament fl-Iskrittura. Il-poplu l-magħżul dejjem kellu l-fidi u l-għarfien li l-kitbiet miġbura ftit ftit fil-Liġi, fil-Profeti u fil-Kitbiet, kienu fil-fatt il-kelma ta' Alla. Anke l-awturi tal-ġdid Testment, meta jagħmlu riferenza għall-Antik Testment, dejjem esprimew din il-fidi li akkumpanjat l-istorja tal-poplu l-magħżul. Fi żmien il-formazzjoni tal-ġdid Testment, l-istess Knisja għarrfet li l-kitbiet li ġabru fihom ix-xandira tal-Mulej ġesù, kienu fil-fatt kitbiet 'mnebbħa minn Alla'. Eżempju ta' dan insibuh f'2 Pietru, 3, 15 – 16, fejn l-awtur sagru iqiegħed l-ittri ta' San Pawl fuq l-istess livell tal-kotba ta' l-Antik Testment: "Is-sabar li bih il-Mulej jeħodna qisuh bħala salvazzjoni tagħna. Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skont l-għerf



li ngħata lilu.  Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li m'humiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess;  hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura".

Għidna li nemmnu li l-Iskrittura Mqaddsa 'ġejja min-nifs ta' Alla', mela hija Kelma ta' Alla.  Imma x'rridu nfissru eżattament meta ngħidu li l-Bibbja ġejja min-nifs ta' Alla, hija mnebbħa jew ispirata minn Alla?  Kien hemm xi Missirijiet tal-Knisja li ħadu din il-kelma letteralment.  per eżempju, Atenagoras kiteb li l-Ispirtu s-Santu nqeda bl-awturi sagri bħalma flawtista jdoqq il-flawt tiegħu.  Oħrajn, bħalma kien San Ġlormu, kienu jaraw il-fatt ta' l-ispirazzjoni bħallikieku l-Ispirtu s-Santu ddetta l-kliem ta' Alla lill-awturi sagri li dawn imbagħad kitbuhom kif semgħuhom. Dawn it-tixbihat huma faċli biex wieħed jifhimhom imma rridu nammettu li ma jispjegawx biżżejjed ir-realtà profonda ta' l-ispirazzjoni. Alla hu l-awtur ta' l-Iskrittura, kif stqarr Santu Wistin.  Imma il-kif Alla huwa l-awtur kien jeħtieġ aktar riflessjoni teoloġika.

## Alla u l-bniedem: awturi tal-Kelma

Fid-Dokument fuq ir-Rivelazzjoni Divina (Dei Verbum 11), tal-Konċilu Vatikan II, insibu dan il-kliem li jispjega tajjeb in-natura ta' l-ispirazzjoni tal-Kotba Mqaddsa:  "Il-veritajiet rivelati minn Alla, li huma miġburin u mfissrin fil-kotba ta' L-Iskrittura Mqaddsa, inkitbu bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu.  Ommna l-Knisja Mqaddsa, b'fidi ġejja mill-appostli, iżżomm bħala sagri u kanoniċi l-kotba kollha sħaħ sew tat-Testment il-Qadim kemm tat-Testment il-ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, miktubin bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu (ċf. ġw 20, 31;  2 Tim 3, 16;  2 Pt 1, 19 – 21;  3, 15 – 16), għandhom 'l Alla bħala awtur u bħali tali kienu mogħtija lill-Knisja.  Biex jinkitbu l-Kotba Mqaddsa Alla għażel xi bnedmin u nqeda bihom waqt li ħallihom jużaw il-fakultajiet u l-kapaċitajiet tagħhom; hekk, bil-ħidma tiegħu fihom u permezz tagħhom, huma kitbu ta' veri awturi, dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk biss li huwa ried li jinkitbu".

"Għalhekk, billi dak kollu li l-awturi ispirati, jew aġjografi, kitbu għandna nżommuh bħala dak li ntqal

mill-Ispirtu s-Santu, hekk ukoll, bħala konsegwenza, għandna nemmnu li l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu ċertezza, f'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tinġabar fil-Kotba Mqaddsa. għalhekk l-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, mħejji għal kull ħidma tajba'(2 Tim 3, 16–17)".

Minn din l-istqarrija nifhmu li l-Kotba ta' l-Iskrittura ġew miktuba bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu, u f'dan is-sens reali, għandhom lil Alla bħala awtur. Imma nemmnu wkoll li Alla nqeda bl-awturi umani fil-komposizzjoni tal-Bibbja, u għalhekk anke dawn l-awturi kienu 'veri awturi. Din hija importani. L-awturi umani li tawna l-kitbiet miġbura fil-Bibbja ma kenux strumenti passivi ta' l-Ispirtu s-Santu, daqs li kieku kienu flawt f'idejn dak li jdoqqu. Lanqas ma kienu awturi passivi li kitbu biss dak li ġie dettat lilhom mill-Ispirtu s-Santu. Le, imma l-awturi umani, imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu, inqdew bil-kapaċitajiet kollha tagħhom u kitbu bħala awturi veri tal-kitbiet miġbura fl-Iskrittura.

Per eżempju, setgħu għamlu r-riċerka tagħhom qabel ma kitbu, kif jixhed li għamel San Luqa f'1, 3: "Wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kull ma tgħallimt". L-awturi sagri kitbu lil nies differenti. għalhekk, per eżempju, il-Vanġelu ta' San Luqa huwa ftit differenti minn dak ta' San Mark u San Mattew. Il-Vanġelu ta' San Ġwann huwa ħafna differenti mit-tliet Vanġeli l-oħra. L-Ispirtu s-Santu nebbaħ lill-awturi umani biex jinkitbu skond il-bżonnijiet ta' l-udjenza partikulari tagġhom.

Dan huwa fil-fatt il-misteru ta' l-ispirazzjoni fl-Iskrittura Mqaddsa: fl-istess waqt Alla u l-bnedmin huma l-awturi tagħha. Il-misteru ta' l-ispirazzjoni huwa qrib ħafna l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Bħala Ġesù Kristu kien bniedem sħiħ u Alla fl-istess ħin, hekk ukoll l-Iskrittura għandha bħala awturi kemm lill-bnedmin u kemm lil Alla. L-awturi umani u Dak divin ma jnaqqsu xejn lil xulxin, daqskemm iż-żewġ naturi

fi Kristu ma jnaqqsu xejn lil xulin.

## Kelmet Alla f'kitbiet il-bniedem

Id-dimensjoni umana u divina ta' l-Iskrittura tfakkarna li għandna dover li ninterpretaw tajjeb il-Bibbja. Dan għaliex irridu nippruvaw nifhmu tajjeb dak li kitbu l-awturi umani biex nifhmu aħjar is-sens ispirat ta' l-Iskrittura. Anke hawnhekk, il-kliem li nsibu fid-Dei Verbum(12) huwa tassew opportun. Aktar ma nagħrfu ninterpretaw tajjeb il-kliem fil-Kotba Mqaddsa, aktar nistgħu nifhmu dak li Alla jridu jirrivelalna. Aktar ma nifhmu l-kliem tal-bnedmin fil-kuntest l-aktar wiesa' u immedjat tagħhom, aktar nista' nibda nifhem dak li jrid jurina Alla.

"Billi Alla fl-Iskrittura Mqaddsa tkellem permezz ta' bnedmin u bi kliem il-bnedmin, min ifisser l-Iskrittura Mqaddsa, biex jifhem sewwa dam li Alla ried igħarrafna, għandu jfittex b'attenzjoni x'fehmu jfissru l-kittieba sagri u x'għoġbu Alla jgħarrafna bi kliemhom".

"Biex insibu l-intenzjoni tal-kittieba sagri għandna nagħtu każ ukoll, fost ħwejjeġ oħra, tal-forom letterarji., għaliex il-verità titiqiegħed quddiemna u titfissrilna b'modi differenti, skont jekk it-test ikunx ta' storja jew ta' profezija jew xi forma poetika jew forom oħra ta' espressjoni. Jeħtieġ mela li l-interpretui jfittex is-sens li l-kittieb sagru ried ifisser f'ċirkustanzi determinati, skont il-kundizzjoni ta' żmienu u tal-kultura tiegħu permezz tal-forom letterarji użati f'dak iż-żmien. Għaliex biex

tifhem sewwa dak li l-kittieb sagru ried igħid bil-kitba, għandna noqogħdu attenti sew għall-manjieri kif kienu soltu jifhmu jew ifissru rwieħhom jew jirrakkuntaw in-nies fiż-żmien tal-kittieb sagru kemm għall-mod kif kienu jġibu ruħhom bejniethom il-bnedmin f'dak iż-żmien".

"Imma, billi l-Iskrittura Mqaddsa għandha tinqara u tkun interpretata bl-għajnuna ta' l-istess Spirtu s-Santu li permezz tiegħu nkitbet, biex wieħed isib sewwa s-sens tat-testi mqaddsa għandu jħares, mhux b'anqas diliġenza, għal dak li hemm miġbur fl-Iskrittura kollha u għall-unità tagħha, u jżomm ukoll kif jixraq quddiem għajnejh it-tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha u ta' l-analoġija tal-fidi. Huwa xogħol ta' l-eżeġeti li jagħtu sehemhom skont dawn ir-regoli biex is-sens ta' l-Iskrittura Mqaddsa jinftiehem u jitfisser aħjar, u hekk bi studju f'ċertu sens preparatorji jista' jimmatura ruħu l-ġudizzju tal-Knisja, Dak li ntqal s'issa fuq kif għandna ninterpretaw l-Iskrittura fl-aħħar huwa suġġett għall-ġudizzju tal-Knisja li taqdi d-dmir u l-ministeru tagħha ġej minnAlla li tħares u tinterpreta l-kelma ta' Alla".

Il-kelma għaqlija tal-Knisja hija ċara: l-interpretazzjoni tal-Bibbja, mela, trid issir billi kontinwament inżommu quddiem għajnejna n-natura vera ta' l-ispirazzjoni u l-importanza sħiħa ta' l-awturi umani u ta' l-Ispirtu li nebbaħ. Kemm huwa importanti mela l-istudju serju fuq it-test Bibliku…studju li ma jistax jinsa li Alla wkoll huwa l-awtur prinċipali ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

Li naqraw il-Bibbja bħala Kelma ta' Alla, irridu nifhmu dejjem aħjar it-tifsira li tawha l-awturi umani. Imma maħniex naqraw biss kelmiet umani. L-iskop tagħna huwa li nisimgħu l-kelma ta' Alla fil-kliem ta' l-awturi umani ta' l-Iskrittura. Naqraw l-Iskrittura biex niltaqgħu ma' Alla li jirrivela lilu nnifsu permezz tal-kliem tagħha.

Soren Kierkegaard, teologu Luteran tas-seklu XIX, kien iħobb ixebbah il-qari ta' l-Iskrittura mal-fatt li wieħed jirċievi ittra ta' mħabba b'lingwa li ma



tinftehimx. Dak li jirċievi l-ittra mbagħad joqgħod bilqiegħda u bil-paċenzja kollha jipprova jaqleb għal ilsienu dik l-ittra. Meta jiġi mistoqsi hux qed jaqra l-ittra ta' mħabba, iwieġeb: "Le! Qed naħdem hawn bid-dizzjunarju biex nittraduċiha. Meta ntemm it-traduzzjoni, imbagħad nista' ngħid li naqra l-ittra ta' mħabba". Bit-tixbiha ta' Kierkegaard, li tistudju l-Iskrittura u tipprova tifhem dak li l-awturi umani riedu jgħidu meta kitbu huwa bħal meta tittraduċi l-ittra ta' l-imħabba. Huwa mbagħad, fi stadju ieħor, li taqra l-Iskrittura bħala l-Kelma ta' Alla, bħala ittra ta' mħabba mibgħuta minn Alla. U meta taqra ittra ta' mħabba, twarrab kull distrażżjoni u tikkonċetra sempliċement fuq dak li kitiblek l-ittra u dak li l-persna qiegħda tgħidlek. Hemm, mela, żmien, għall-istudju ta' l-Iskrittura, u hemm żmien meta tqiegħed fil-ġenb l-istrumenti kollha li jgħinuk tifhem l-Iskrittura u tingħata biex tisma' dik il-kelma "li ġejja min-nifs ta' Alla".

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

# TIĠDID
# L-ART IMQADDSA
# 2024

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2024




**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt